**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 31 ta` Jannar 2017**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 1179/08 JZM**

**Saviour Agius (bil-Karta tal-Identita` Numru 267050M), Domenic Agius (bil-Karta tal-Identita` Numru 145078M) u Antoine Agius (bil-Karta tal-Identita` Numru 347983M)**

***kontra***

**Louis Galea**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-26 ta` Novembru 2008 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-konvenut kien inkariga lill-atturi, li huma kuntratturi tal-bini, sabiex jezegwixxu xoghlijiet ta` bini u kostruzzjoni fuq sit proprjeta` tieghu f`dahlet il-Bajja ta` San Tumas, Marsascala.*

*2. Illi l-atturi lestew u kkompletaw l-appalt lilhom moghti sal-ahhar ta` Lulju, 2007 izda ghad fadal ammont bilancjali lilhom dovut.*

*3. Illi l-atturi nterpellaw lill-konvenut biex ihallashom il-bilanc lilhom dovut kemm permezz ta` diversi ittri nterpellatorji u kif ukoll permezz ta` ittra ufficjali tal-4 ta` Novembru, 2008 izda l-konvenut baqa` inadempjenti.*

*4. Illi ghalhekk kellhom jittiehdu dawn il-proceduri.*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :-*

*(i) prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi l-bilanc tal-prezz minnu lilhom dovut ghax-xoghol ta` bini u kostruzzjoni ezegwit mill-istess atturi fuq inkarigu tal-konvenut fuq sit proprjeta` tieghu f`Dahlet il-Bajja ta` San Tumas, Marsascala ;*

*(ii) tillikwida l-ammont bilancjali dovut mill-konvenut lill-atturi bl-opera ta` perit nominandi ; u*

*(iii) tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta` Novembru, 2008 u bl-imghax legali mill-1 ta` Awwissu, 2007 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fit-13 ta` Marzu 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti din il-Qorti ma hiex kompetenti ratione valorem u dan in vista tal-fatt illi f`korrispondenza precedenti bejn il-partijiet il-bilanc mitlub mill-atturi kien ferm anqas mill-ammont preskritt mill-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ghall-finijiet ta` kompetenza tal-Qorti odjerna.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u dawk sussegwenti, it-talba attrici hija ntempestiva stante li ai termini tal-kuntratt t`appalt il-bilanc finali kellu jithallas wara li '… … jitkejjel ix-xoghol mill-perit, fi zmien mhux iktar minn xahar minn meta l-perit jiccertifika li x-xoghol ikun tlesta minn kollox.' U 'Il-perit ghandu jiccertifika id-data meta, fl-opinjoni tieghu, ix-xoghol ikun lest minn kollox.' Illi in vista tal-fatt li x-xoghol ma giex certifikat bhala lest mill-perit inkarigat mill-partijiet, ossia il-Perit Edwin Mintoff, u dan in vista tan-nuqqasijiet serji fl-istess xoghol ezegwit mill-atturi, konsegwentement l-atturi ma setghux jintavolaw din il-kawza fin-nuqqas tal-avveniment tal-kondizzjoni espressa fuq citata.*

*3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li x-xogholijiet ezegwiti mill-atturi ma gewx ezegwiti skont l-arti u s-sengha u in fatti bi ksur tal-kondizzjonijiet stipulati fil-kuntratt t`appalt kif ser jigi ppruvat waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kawza.*

*4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*5. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-esponenti ma huwiex debitur tal-atturi izda fil-verita` huwa kreditur tal-atturi in vista ta` pagamenti zejda effetwati minnu kif ser jigi ppruvat waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kawza.*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici in kwantu bbazati fuq il-kontijiet tal-Perit Edwin Mintoff huma erronji u dan stante li ai termini tal-kuntratt t`appalt, debitament iffirmat bejn il-partijiet,*

*il-prezzijiet ikkwotati kienu diga` jinkludu l-VAT u dan ai termini tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta` Malta u konsegwentement il-kontijiet tal-Perit Mintoff huma erronji stante li l-perit rega zied il-VAT fuq ir-rati kkwotati.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti in subizzjoni nkluz tal-ittra ufficjali datata 21 ta` Novembru 2008 u b`riserva ghall-azzjoni ghad-danni fil-konfront tal-atturi u kif ukoll ghar-rifuzjoni tal-pagamenti zejda effetwati mill-esponenti.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza, inkluzi dawk li ngabru mill-Assistent Gudizzjarju Av. Mariella Schembri Gonzi, kif ukoll ir-relazzjoni tal-perit tekniku Perit Alan Saliba.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

### 1) <u>Xiehda</u>

**<u>L-attur Antoine Agius</u>** ipprezenta affidavit.

Xehed illi hu, missieru Saviour, u huh Dominic jahdmu huma bennejja. Kellimhom il-konvenut sabiex jibnulu bicca art go Wied il-Ghajn. Huma accettaw l-appalt, u ffirmaw kuntratt ghand il-Perit Edwin Mintoff li kien il-perit inkarigat. Fil-kuntratt kien miftiehem meta kellu jibda x-xoghol. Pero` x-xoghol kellu jibda sitt xhur tard ghaliex il-permess tal-bini hareg tard.

Qal illi l-post li kellhom jibnu kien jikkonsisti minn *semi-detached bungalow* u *basement* taht il-binja kollha. Fil-kuntratt kien miftiehem il-prezz, ir-rati u l-mod tal-hlas. Il-prezzijiet u r-rati kienu jinkludu x-xoghol u l-materjal. Ix-xoghol beda fil-bidu ta` 2007 wara li hareg il-permess. L-ewwel sar l-iskavar tal-*basement* minn kuntrattur iehor li jqatta` l-blat. Ix-xoghol mexa regolarment. U sar xoghol ta` l-aqwa kwalita` u skont is-sengha u l-arti.

Stqarr illi max-xoghol saru pagamenti akkont li jammontaw ghal LM43,600. Kull meta kien isir hlas akkont, huma kien jiffirmaw ricevuta fuq *notebook* li kellu l-konvenut. Dan kien jinsisti maghhom li l-hlas ma jkunx bil-VAT izda huma dejjem insistew mieghu li dan ma setax isir u l-prezz kien jinkludi l-VAT. Waqt ix-xoghol, il-konvenut kien ikun prezenti kuljum u l-hin kollu. Fil-*weekend* kien igib persuna tas-sengha u ta` fiducja tieghu biex jivverifika li x-xoghol kien qed isir tajjeb. Il-konvenut qatt ma lmenta dwar ix-xoghol. Kompla jghid li x-xoghol dejjem sar taht is-sorveljanza ta` perit mill-ufficcju tal-Perit Edwin Mintoff. Qabel jinghata l-konkos kien ikun hemm il-perit prezenti biex jiccertifika li kollox sar skont l-istruzzjonijiet u direzzjonijiet tieghu.

Fisser illi huma kienu jgibu l-konkos minghand Kwik-Mix Ltd. Il-konvenut kien jaf b`dan u kien anke ghamel il-verifiki tieghu peress li kien infurmahom li Kwik-Mix Ltd iggib iz-zrar minn Ghawdex fejn hemm blat izjed qawwi. Il-konvenut kien anke ghamel kuntatt ma` Kwik-Mix Ltd biex jghidilhom xi jrid u gieli anke ordna xi kimika bla ma jkunu jafu huma. Il-konvenut kien ikun prezenti meta jkun qed jinghata l-konkos kif ukoll kien jaghti ordnijiet lix-xufier li jkun qed ibattal il-konkos kif ukoll kien jiccekkja l-karta biex jivverifika x`konkos ikun qed jinghata.

Stqarr illi meta kien ser jinghata l-ahhar saqaf, il-konvenut kien talabhom biex il-konkos jingieb minghand tal-Ballut. Huwa cempel lil tal-Ballut fil-prezenza tal-konvenut biex jiccekkja l-prezzijiet u rrizulta li l-prezz tal-Ballut kien orhos mill-prezz tal-Kwik-Mix u ghalhekk il-konvenut kien sodisfatt li ma kienx qed jigi ordnat il-konkos minghand il-Kwik-Mix biex jigu ffrankati spejjez. Spjega li l-konvenut qalilhom biex ikomplu jgibu l-konkos minghand il-Kwik-Mix.

Kompla jghid li wara li nghata l-ahhar saqaf, il-konkos thalla jinxef u ma tkompliex bix-xoghol qabel ghadda zmien bizzejjed. Qal illi marru jkellmu lill-konvenut biex ighidulu li ser ikomplu bix-xoghol izda dan kien qalilhom li

ser ikun imsiefer izda li kien jafdahom biex ikomplu bix-xoghol fl-assenza tieghu.

Xehed illi komplew bix-xoghol kollu tal-bini sa l-ahhar hlief ghal *washroom* peress li l-konvenut ried jibniha aktar minn dak li kellu fil-permess u ghalhekk skont ma ordnalhom il-perit u l-konvenut, ghamlu l-baxxa u zewg filati bhala pedament tal-*washroom* kif u fejn gew ordnati. Il-kejl tax-xoghol sar mill-perit izda meta gie biex johrog il-kont finali, il-konvenut qajjem kwistjoni li l-konkos ta` l-ahhar saqaf ma kienx tella` l-grad kemm kellu jtella` u rrifjuta li jhallashom.

Stqarr illi l-perit tal-konvenut baqa` ma harigx il-kont finali fuq insistenza tal-konvenut. Tkellmu mal-Perit Mintoff u dan qalilhom li b`C20 kien tajjeb ghal kullimkien peress li l-kmamar ma kienux kbar hafna. Il-konkos li huma ordnaw minghand il-Kwik Mix Limited kien C25 u huma hallsu ghal konkos C25. Spjega li l-kimika kienet ordnata mill-konvenut bla ma kienu jafu b`xejn. Lanqas il-perit tal-konvenut ma kien ta struzzjonijiet biex tizdied din il-kimika. Huwa spjega li kienu saru testijiet u rrizulta li l-konkos tella` l-gradi C24.5, C22.5 u C21.5. Ghat-testijiet kien prezenti biss il-konvenut. Spjega li Kwik Mix Limited inkarigat lil Perit Johann Farrugia biex jaghmel rapport u hekk sar. Kwik Mix tkellmu mal-konvenut biex jirrangaw mieghu izda dan ma riedx jirranga u baqa` jirrifjuta li jhallas il-bilanc li kellu jaghti lilhom.

Qal illi s-saqaf li poggew huma ma kienx tkisser mill-konvenut anzi ghamel il-kontrabejt fuqu u baqa` ghaddej bix-xogholijiet fil-post.

Fil-**kontroezami** ppreciza illi mal-kuntratt ta` appalt kien hemm lista ta` items li huma stess taw lill-perit. Hu, missieru u huh kienu prezenti t-tlieta. Ikkonferma li kien sar xi tibdil zghir fir-rati. Ir-rati ma kinux jinkludu l-VAT. Huwa spjega li kemm kien ilu jahdem f`dak il-mestier, il-prezzijiet tal-bennejja dejjem ikunu minghajr il-VAT. Huma kienu qalu lill-konvenut illi l-prezzijiet kienu minghajr il-VAT. Il-konvenut kien jistaqsi hafna fuq kollox u jkun irid l-affarijiet cari hafna. Ghalhekk mieghu ma hadu xejn *for granted*, inkluza din il-kwistjoni tal-VAT. Spjega li anke biex inkariga lilhom, il-konvenut kien staqsa hafna dwarhom man-nies. Ma tnizzilx li l-VAT kienet eskluza. Li kieku l-perit hass il-htiega li kellha titnizzel, kien inizzilha.

Stqarr illi wara li sar is-saqaf, huma ghamlu l-opramorta, u t-tromba tat-tarag li kienet titla` fit-tond. Il-konvenut ilmenta wara li ma kienx fadal aktar xoghol xi jsir. Is-saqaf hallewh gebel u saqaf. Ikkonferma li meta l-konvenut ilmenta, is-saqaf kien ghadu fuq il-konkos u ma kienx ghadu miksi. Minkejja li l-konvenut qalilhom li s-saqaf kien hazin, xorta kompla ghaddej bix-xoghol. It-testijiet tal-konkos saru biex il-konvenut jara b`ghajnejh xi grad kellu l-konkos. Il-konvenut kien ihallashom akkont qabel il-perit kien johrog kontijiet. It-tlieta li huma ghamlu ricevuti fuq in-*notebook* tal-konvenut. Huwa spjega lill-konvenut li kien qed ihallas tal-VAT u dana b`referenza ghall-ircevuti li kienu nhargu ghall-hlas tal-VAT. Ghal xi zmien il-konvenut kien hallas Lm10,000 u mbaghad meta kien komdu tahom Lm1,800 li kienet il-VAT fuq dik is-somma. Insista li l-kliem bejniethom kien li l-kontijiet kienu minghajr VAT. Mill-bidu nett qalulu li l-VAT kellha tithallas apparti.

Dwar il-konkos stqarr illi l-konkos kien akkwistat minghand Kwik Mix Limited bi ftehim mal-konvenut. Huwa hallsu lil Kwik Mix. Is-saqaf in kwistjoni nghata b`izjed minn trakk wiehed konkos. Ikkonferma li trakk minnhom kien mar jaghti konkos band`ohra fil-vicin izda mbaghad mar fuq il-post. Kienet haga normali li t-testijiet jaghtu rizultati differenti. Dakinhar li nghata l-konkos tas-saqaf huwa kien qed isuq il-krejn u ghalhekk kien mohhu fil-bajla u mhux fir-ready mix, izda kien jinduna li l-konkos kien qed ikun ftit aktar mahlul. Ikkonferma li aktar ma jintefa` ilma fil-konkos, iktar jitlef mis-sahha. Qal illi gieli ra lix-xufier tar-ready mix jitfa` l-ilma bil-pajp.

Stqarr illi l-konvenut kien urihom xi debris li allegatament sab fil-konkos. Dak id-debris ma jikkagunax hsara. Huwa cahad li kien hemm konsenturi fil-kmamar kollha. Ic-certifikat finali li x-xoghol kien komplut baqa` ma nharigx mill-perit. Lanqas ma hareg il-kont finali probabilment minhabba l-problema fis-saqaf.

**<u>L-attur Dominic Agius</u>** ipprezenta affidavit.

Dan l-affidavit jikkonferma dak mistqarr minn huh Antoine fl-affidavit tieghu.

Fil-**<u>kontroezami</u>** Dominic Agius ikkonferma li anke hu ffirma l-kuntratt ta` appalt mal-konvenut quddiem il-Perit Mintoff. Huma ndikaw il-lista tar-rati. Ir-rati mhux jinkludu l-VAT. Qal illi fil-kuntratt, ma kienx

hemm miktub li l-VAT kien eskluz izda l-intiza kienet li l-prezzijiet kienu minghajr VAT. Ikkonferma li l-konvenut ilmenta dwar il-konkos tas-saqaf.

Spjega li l-konvenut kien talabhom biex jintuza konkos minn tal-Ballut ghas-saqaf izda meta sar jaf li l-konkos tal-Ballut kien irhas, accetta li jibqa` jintuza konkos minn tal-Kwik Mix Limited. Kienu huma li nkarigaw lil Kwik Mix Limited. Il-konvenut ilmenta li l-konkos kien fih debris meta kienu qed inaddfu bil-wire brush ghall-ghoti tal-kontrabejt. Fil-fatt il-konvenut kien gabar xi debris go borza u urihomlu. Qal illi xquq fis-saqaf jdumu ma johorgu u normalment johorgu meta jinxef il-konkos. Il-konvenut kien semma dawn ix-xquq, meta kien wasal biex isir l-ahhar hlas dovut lilhom. Huma ma tawx rimedju ghax-xquq lill-konvenut ghaliex hu ma talabx rimedju. Li ried huwa li jibdlu s-saqaf. Qal illi l-Perit Mintoff ma kienx hareg l-ahhar kont wara talba tal-konvenut. Lilhom il-Perit Mintoff qalilhom li s-saqaf kien sar tajjeb.

Qal illi t-talba taghhom fil-kawza tal-lum hija li jithallsu dak li fadal x`jithallsu. Il-konvenut ghaddielhom diversi pagamenti akkont u kienu ffirmati ricevuti. Huwa kkonferma li l-kitba fid-Dok LG1 a fol 60 hija ta` missieru, Dok LG2 a fol 61 hija tieghu, it-tielet wahda LG3 a fol 62 hija kitba ta` huh, ir-raba` hija kitba ta` missieru u l-hames wahda ta` huh mentri s-sitt wahda hija tieghu. Huwa, missieru u huh ghamlu r-ricevuti. Ir-ricevuti Dok LG5 u LG8 huma differenti ghaliex jirreferu ghal VAT li kienet tithallas apparti ghaliex ma kinitx parti mill-prezz li kienu miftehma dwaru.

Stqarr illi biex inghata l-konkos tas-saqaf in kwistjoni, kienu ngiebu diversi trakkijiet. Wiehed minnhom kien tar-ready mix zghir li parti mill-konkos li kien qed igorr kien intuza ghal post iehor li kien fil-vicin ; il-bqija li ma ntuzax mar ghal tarag ta` isfel li minnu titla` ghal gol-bejt.

Ikkonferma li l-ftehim kien illi l-konkos kellu jkun tal-grad C25. Meta kien jasal il-konkos, il-konvenut kien jara l-invoice biex ikun cert li l-konkos ordnat ikun tal-grad C25. Imbaghad kien ighid lix-xufier biex jaghtih l-ilma ; dan bla ma kienu jkunu jafu huma.

Qal illi kien anke ordna *additives* minn wara daharhom.

Spjega li sar jaf li tal-Kwik-Mix inghataw struzzjonijiet mill-konvenut biex izidu l-kimika li tizdied mal-konkos.

Dwar l-ilma mal-konkos, xehed illi wara li jkun zdied l-ilma mal-konkos, dak l-ilma ma jkunx jista` jitnehha. Jekk jizdied hafna ilma, il-konkos jitlef is-sahha. Sar jaf illi l-konkos kien qed jizdied bl-ilma mill-persuna li kienet qeghda tipprovdi l-konkos – mhux ghaliex rah hu personalment. U kien qed isir hekk b`talba tal-konvenut.

**<u>L-attur Saviour Agius</u>** ipprezenta affidavit.

Ikkonferma d-deposizzjoni ta` uliedu Antoine u Dominic.

Ipprezenta l-kuntratt mertu ta` din il-kawza.

Ipprezenta wkoll xi ritratti tax-xoghol li kien qed isir kif ukoll kopja ta` tlett kontijiet li kienu nhargu mill-ufficju tal-Perit Edwin Mintoff.

Qal illi kienu jaghmlu minn kollox biex jikkuntentaw lill-konvenut ghal li kien ikun irid. Kien anke jitlob xi varjazzjonijiet mill-pjanta. Huma kienu jimxu skont ma jghidilhom. Huma hadmu bil-galbu u bl-ahjar mod possibbli tant li dan qatt ma kellu xejn fuqhiex jilmenta.

Ipprezenta ukoll dokumenti mahruga minn Kwik-Mix Limited mnejn jirrizulta li huma kienu jordnaw u jhallsu ghal konkos ta` C25.

Qal illi l-kimika indikata fid-dokument kienet ordnata mill-konvenut bla ma kienu jafu huma. Il-perit tal-konvenut qatt ma kien tahom struzzjonijiet biex izidu din il-kimika.

Ipprezenta rapport tal-Perit Johann Farrugia li kien inkarigat mis-socjeta` Kwik Mix.

Ipprezenta wkoll sett ta` ritratti bhala prova li l-konvenut baqa` ghaddej bix-xoghol fuq is-saqaf li poggew huma.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, xehed illi l-kuntratt quddiem il-Perit Edwin Mintoff kien iffirmat miz-zewg uliedu l-atturi l-ohra. Ikkonferma li hemm il-firma

tieghu fil-lista tar-rati tax-xoghol ezebita a fol 22. Din il-lista kienu tawha huma lil Perit Mintoff.

Ikkonferma li xi rati kienu gew aggustati. Ir-rati ma jinkludux il-VAT infatti maghhom trid tizdied il-VAT. Kull darba li ghamlu kuntratt, il-VAT ma kienx ikun imdahhal. Ma kienx hemm miktub illi r-rati jeskludu l-VAT.

Qal illi lejn l-ahhar, il-konvenut beda jgib l-iskuzi biex ihallas meta allega li kienu damu ghaddejjin bix-xogholijiet, ma riedx ihallas ta` VAT, u beda jilmenta bis-saqaf. Is-saqaf inbena skont is-sengha u l-arti.

Stqarr li l-konkos jaqsam xi ftit specjalment fis-sajf imma dak mhux mankament. Huwa kien issuggerixxa illi jaghmel plastik fuq il-gebla halli malli jmiss mal-gebla, il-konkos ma jinhatafx izda l-konvenut ma riedx. Il-konvenut gieli talbu biex is-saqaf jinbidel. Sostna li l-Perit Mintoff kien qalilhom li anke skont il-grad li tella`, kien jaccetta is-saqaf bhala tajjeb. Il-Perit Mintoff lanqas ried johrog l-ahhar kont.

Spjega illi huwa gieli kiteb l-ircevuta tal-hlas, u gieli kitbuha uliedu. Zewg ircevuti kienu jirrigwardaw il-VAT peress li uliedu kienu dejjem jishqu miegu li x-xoghol isir bil-VAT. Ir-rati ta` mal-kuntratt ma kinux jinkludu VAT. Bejnu u l-konvenut qatt ma tkellmu dwar VAT, izda baqa` jinsisti li fuq ir-rati kellha jizdied il-VAT. Il-konvenut kien jaf li r-rati ma kinux jinkludu VAT peress li l-konvenut kien dejjem joqghod jinsisti maghhom li ma jridx ihallas VAT u fejn hallas bil-VAT, dan hallashom wara hafna tqanzih u insistenza da parti tieguu u ta` uliedu.

Qal illi l-konvenut ried li juza tal-Ballut bhala konkos ghas-saqaf u meta sar jaf li l-konkos ta` dawn kien jiswa lira anqas, irrifjuta u qal li jrid il-Kwik Mix ifornu l-konkos.

Stqarr illi meta nghata s-saqaf tal-basement, ma kienx hemm inkwiet. Meta kien qed jaghti l-konkos tal-bejt, huwa mar go post vicin hafna ghal tal-konvenut biex jaghtu l-konkos lil kamra zghira. Il-bqija tal-konkos li kien hemm fir-ready mix kompla jinghata fuq is-saqaf tal-konvenut. Ma setax ighid fejn inghata konkos bi trakkijiet differenti, izda sostna illi setghu jittiehdu kampjuni ta` konkos mill-istess trakk, u jirrizultaw rizultati differenti.

Sahaq illi l-konvenut kien jitlob lix-xufier biex izid l-ilma mal-konkos ghax kien jiddejjaq jara l-konkos iebes, ghalkemm l-ilma jnehhi mis-sahha tal-konkos.

Dwar id-debris, irrileva illi billi z-zrara hija blata u biex jinqata` l-blat, iridu jintuzaw wires, jista` jkun li jkun hemm fdalijiet tal-gheruq tas-sigar. Il-konvenut qatt ma lmenta mieghu dwar l-allegat debris fil-konkos.

Stqarr illi fis-saqaf kulma kien hemm kien ftit qsim mhux konsenturi. Dak il-qsim huwa konsegwenza tas-shana tas-sajf. Kien hemm ftit qsim minn fuq, izda minn taht huwa ma rax qsim. Il-konvenut qatt ma kellmu dwar qsim minn taht.

Ikkonferma li saru *core tests* sabiex jigi ezaminat il-konkos. Qal li ma jafx jekk il-Perit Mintoff iccertifikax is-saqaf, izda l-Perit Johann Farrugia iccertifikah tajjeb. Fil-kuntratt kien hemm imnizzel li l-perit ried jiccertifika d-data meta x-xoghol ikun lest minn kollox izda l-konvenut zamm lill–perit milli johrog l-ahhar kont.

Huwa kien wissa lil konvenut kemm-il darba biex ma jitlobx lix-xufier tar-ready-mix biex izid l-ilma mal-konkos. Is-saqaf thalla jinxef ghal aktar minn 28 gurnata.

**<u>Glenn Cassar</u>** mis-socjeta` Kwik-Mix Limited xehed illi s-socjeta` pprovdiet konkos destinat ghas-sit tal-konvenut go Wied il-Ghajn. Is-sahha tal-konkos ordnat kien C25.

Ipprezenta *invoices* mnejn jirrizulta li l-ordni kienet saret minn Dominic Agius. Ghas-saqaf kienu marru tlett trakkijiet bil-konkos u kien hemm *invoice* ghal kull trakk. In-numri tal-*invoices* kienu 012843, 012844 u 01284.

Qal illi l-prezz tal-konkos ivarja skont il-grad li jkun ordnat. Aktar ma jkun gholi l-grad, aktar ikun gholi l-prezz. Il-prezz ikkwotat kien ghal konkos grade C25 u s-socjeta` thallset ghal konkos ta` dak il-grad. Dwar Dok GC4, huwa spjega illi l-unit price imnizzel bhala 20 ifisser Lm20 fuq kull jarda. Fuq l-istess invoice, hemm imnizzel ukoll kimika delinjata bhala C25 sigament 330, liema kimika tigi mizjuda mal-konkos. Dak iz-zmien din il-

kimika kienet tigi offruta bhala *standard* izda fl-industrija tal-konkos mhijiex *standard.* Ikkonferma li kien hemm xi problemi bil-konsenja u d-ditta Solid Base nghatat l-inkariku li taghmel testijiet fuq il-konkos. Fil-fatt inqatghet bicca mis-saqaf u tkissret, u tellghet grad ta` C25. Inoltre l-Perit Johann Farrugia ghamel rapport.

Fil-**kontroezami**, stqarr li kellu kuntatt mal-konvenut ghax dan gieli cempel u mar l-impjant taghhom San Gwann, ghalkemm l-ordni saret mill-atturi. Fl-invoices hemm imnizzel *additional water requested* ghaliex gieli il-*mix* johrog naqra xott bhala konkos u ghalhekk jizdiedlu l-ilma. It-talba ghal aktar ilma ssir mill-klijent. Hemm diversi testijiet li jistghu jsiru l-*core test* u l-*cube test*. Fil-kaz tal-lum, Solid Base ghamlu l-*core test* peress li l-*cube test* jista` jsir biss fuq konkos frisk. Bit-test illi sar kien hemm konferma li l-grad kien C25.

Stqarr illi huma thallsu kull ma kien dovut lilhom u cioe` Lm2000.

Qal illi l-kimika tintuza bhala *retarder* sabiex ikun hemm zmien aktar biex jinhadem il-konkos. Kienet tinghata xorta anke jekk ma jkunx talabha l-klijent.

**Perit Johann Farrugia** kkonferma c-certifikat tas-17 ta` Jannar 2008 a fol 51.

Huwa mar fis-sit tal-konvenut Wied il-Ghajn.

Ighid illi nghata sett ta` certifikati ta` *samples.*

Irrizulta li l-perit tal-binja ried grad ta` C25 ghal dan li huwa kwalita` tal-konkos.

Mit-testijiet li saru rrizultat sahha ta` C23.

Stqarr illi meta tqis it-tip ta` struttura li kien hemm, inkluz il-kolonni u t-travi, id-diskrepanza ma kenitx sostanzjali.

Huwa ta spjegazzjoni tal-*core test* u tal-*cube test*.

Qal illi meta mar fuq il-post darbtejn.

Sab illi kien intiz bhala residenza. Kien hemm *basement* u zewg sulari.

Ikkonferma li s-sit huwa dak li jidher fir-ritratti a fol 23 tal-process.

Qal illi l-konkos bi grad ta` C23 kien jiflah l-istruttura. Meta mar fis-sit ma rax hsara.

Fil-**<u>kontroezami,</u>** xehed illi huwa mar fis-sit wara li kien sar il-*core test*.

Qal illi l-Perit Mintoff qatt ma kellmu dwar l-istruttura izda l-konvenut kien urieh *cracks* li ma kinux *structural cracks*.

Ikkonferma li meta l-konkos jigbed gieli jigi *cracked.*

Qal illi meta mar fuq is-sit ma kienx hemm inkwiet partikolari dwar il-*cracks*.

Kompla jghid illi ma sarx *core test* fejn kien hemm il-*cracks* ; lanqas ma sar kejl tal-*cracks*.

Kompla jispjega li l-konvenut kien ilmenta li l-bejt kien mimli bi hmieg bhal injam zghir u lastiku izda dan kien fil-wicc u ma kienx tal-kwantita` li kien ilmenta l-konvenut.

Qal illi kulma ra kien xi lastiku imwahhal fil-wicc tal-konkos. Spjega li huwa ma jistax jghid jekk kienx hemm xi hmieg fit-tahlita.

Sahaq illi l-konkos ma kienx fih inkwiet strutturali, izda jista` jkun li kien hemm xi difetti ghalkemm mhux difetti eccessivi. Huwa spjega li meta mar fuq is-sit, l-istruttura kulma kien jonqosha kienet struttura ta` massimu ta` sular fuq il-bejt.

Ikkonferma li *sample* minn dak li ttiehed ghal *core test* kien ta` C21.5. Huwa spejga li wara li sar ix-xoghol, il-*core test* biss li jista` jsir biex jigi evalwat dak li sar. Huwa spjega li ma jiftakarx minn fejn ittiehdu s-*samples* ghall-*core test*. Qal illi ma jfissirx li ghax intalab konkos ta` C25 u inghata konkos ta` C23, il-konkos li nghata kien hazin.

Ikkonferma li ghall-kaz partikolari, konkos C23 kien bizzejjed ghall-istruttura de qua.

**<u>Il-konvenut</u>** ipprezenta affidavit.

Xehed illi huwa hatar lill-Perit Edwin Mintoff sabiex ihejji pjanti ghal zvilupp ta` ghalqa fi Triq id-Dahla ta` San Tumas, Wied il-Ghajn. Il-Perit Mintoff kien assistit mill-Perit Benny Cortis. Ghall-bini tas-sit ftiehem mal-atturi. Fl-4 ta` April 2006, sar kuntratt ta` appalt mal-atturi quddiem il-Perit Mintoff fejn il-prezzijiet u r-rati jkunu saru bil-miktub u kienu maqbula mill-bidu. Ir-rati ghall-ventilaturi, membrane u tarag fit-tond tnizzlu wara pero` kien hemm qbil dwarhom. Ix-xoghol beda fi zmien il-Milied tal-2006. Inbena l-*basement* u nghata il-konkos.

Qal illi huwa kien hallas lill-atturi waqt ix-xogholijiet u kien jinghata ricevuta. Fil-fatt kien ihallas akkont minghajr ma jistenna l-kejl tal-peri. Huwa hallas madwar Lm45,060. Beda jhallas mit-2 ta` Frar 2007. L-ahhar zewg pagamenti saru fit-3 ta` Ottubru 2007. Mill-pagamenti li saru, darbtejn minnhom inghata ricevuta li kien qed jaghmel hlas ta` VAT. Huwa ma lmentax ghaliex kien jaf li l-hlasijiet li kien qed jaghmel kienu skont ir-rati tal-kuntratt li kienu jinkludu l-materjal, ix-xoghol u l-VAT. Fl-ebda mument ma kien infurmat li kellu jithallas skont ir-rati tal-kuntratt, u kif ukoll VAT fuqhom.

Qal illi l-*basement* issaqqaf in parti bil-konkos u in parti bil-planki. Marul ix-xoghol, kellu hafna problemi ma` l-atturi ghaliex kienu jigu jaghmlu ftit xoghol u jitilqu, u jergghu jmorru xahar u nofs wara. Kienu ghamlu *shutter* sabiex ikun jista` jinghata s-saqaf tad-dar. Insista li s-saqaf kellu

jkun b`konkos ta` grad C25. Meta staqsa minn fejn kien ser jingieb il-konkos, ma riedx konkos ta` Kwik-Mix Limited u insista li jingieb minn tal-Ballut. Salvu Agius qallu li jekk mhux er jintuza konkos ta` Kwik-Mix Limited, ma kinux ser jaghtu garanzija fuq is-saqaf. Kien ghalhekk li accetta li jitkompla x-xoghol ghalkemm ghamel kuntatt ma` Kwik Mix Limited sabiex jikkonferma li l-konkos ordnat kien C25. Cahad illi talab lil Kwik Mix Limited biex izidu xi kimika mal-konkos.

Kompla jghid illi dakinhar li nghata l-konkos tal-bejt, l-ewwel konsenja giet bi trakk tar-ready mix zghir izda l-konkos intuza mill-atturi ghal xi kmamar li hemm fir-Ramla taz-Zejtun. Intant wasal trakk tar-ready mix mill-kbar li beda jbattal il-konkos fil-bajla tal-crane u beda jinghata il-konkos fuq is-shutter. Peress li Salvu Agius ma kienx hemm, Dominic Agius ta l-konkos fuq il-bejt, mentri Antoine baqa` jsuq il-crane. Kien jaf illi wahdu Dominic Agius ma setax ilahhaq max-xoghol ; ghalhekk qaghad fuq il-bejt igholli x-xibka sabiex ix-xibka ma tmurx `l isfel. Meta kien inghata kwazi tlett kwarti tal-bejt, wasal Salvu Agius u ghamel uzu mill-konkos fit-trakk tar-ready mix iz-zghir biex ghamlu tlett targiet tal-bieb ta` taht il-bieb ta` barra tieghu, u l-kumplament fuq parti mill-bejt tieghu. Imbaghad komplew bil-konkos tat-trakk tar-ready mix il-kbir. Kif haqad il-konkos, huwa beda jitfa` l-ilma sabiex il-konkos ma jaqasmx. Meta beda jinxef, induna li kien hemm bicciet tal-lastiku. jablo u injam fil-konkos. Wera kollox lill-atturi, lir-rapprezentant ta` Kwik Mix Limited, kif ukoll lill-Periti Johann Farrugia u Benny Cortis.

Stqarr illi wara bdew hergin xquq fis-saqaf. Wara li tlestiet l-opra morta huwa naddaf il-bejt u beda jsib hafna xquq fil-bejt. Xquq ohra hargu aktar tard fis-saqaf minn isfel. Skont il-Perit Benny Cortis, dawn ma kellhomx ikunu hemm. Marru fuq il-post l-atturi u l-perit ta` Kwik Mix. Din tal-ahhar inkarikat lis-Solid Base Laboratory biex taghmel testijiet tal-konkos. Minn dawn it-testijiet irrizulta li l-grad tal-konkos kien C24.5, C 21.5 u C22.5. Huwa kien prezenti meta ttiehdu tlett samples minn postijiet differenti. Kien hemm ukoll il-Perit Benny Cortis u xi hadd minn ta` Kwik-Mix Limited.

Qal illi ma setax jaccetta l-bejt kif sar billi l-konkos ma kienx lahaq il-grad miftiehem ; kif ukoll minhabba l-qsim li fih minn fejn qed jidhol l-ilma. Hadd mill-periti ma kien lest jaghti garanzija fuq is-saqaf. Fit-3 ta` Dicembru 2007 huwa baghat ittra bl-avukat lill-atturi sabiex jirrimedjaw ghal dan kollu u nfurmahom li ma kienx ser ihallas il-bilanc, anke ghaliex skont il-kalkoli tieghu, irrizulta li hallas aktar milli suppost. Kienu skambjati xi ittri legali ohra qabel saret din il-kawza.

Fisser illi ma setax ihalli s-saqaf mikxuf peress li bl-ilma tax-xita kien ser jidhol aktar ilma. Ghalhekk pogga l-foam u wara ghamel il-kontrabejt. Huwa ma kienx ghadu dahal ighix fid-dar billi hadd ma tah garanzija fuq is-saqaf. Ma kienx ghad hemm certifikat ta` perit li jghid illi x-xogholijiet tlestew skont il-ftehim u kif titlob is-sengha u l-arti.

Fil-**kontroezami** xehed illi l-ilment tieghu fir-rigward tax-xoghol ta` l-atturi huwa s-saqaf ; kien hemm xi affarijiet zghar ohra li pero` ma tax kaz taghhom. Meta bdew hergfin il-konsenturi u x-xquq, il-post kien gebel u saqaf izda ma kienx hemm kontrabejt. Mhux l-atturi ghamlu l-kontrabejt. Wara li lmenta dwar is-saqaf, huwa kompla bix-xogholijiet l-ohra u cioe` l-kontrabejt, it-tibjid, it-tikhil, il-bibien, l-aperturi l-ohra u l-faccata fuq il-fil. Ghamel dawn ix-xogholijiet ghalkemm baqa` jitlob li jitnehha s-saqaf peress li hadd ma ried jaghti garanzija. Ghalkemm ma accettax is-saqaf, ghamel xogholijiet ohra biex is-saqaf jibqa` hemm u ma ssirx hsara bix-xita ghall-affarijiet ta` isfel. Is-saqaf baqa` ma nbidilx. Illum il-post huwa lest minn kollox. Ghandu id-dawl ukoll. Pero` ma marx ighix fil-post ghaliex is-saqaf qed ikompli jaqsam.

Qal illi ma jafx jekk kienx hareg il-permess tal-bini meta sar il-kuntratt ta` appalt. Qal li ma jafx jekk kinux l-atturi li gabu l-karta bir-rati. Fejn ma qablux dwar ir-rati, sar ingass fil-lista u tnizzel bil-miktub ir-rata l-gdida. Ir-rati kienu jinkludu l-VAT, izda ma kien hemm xejn bil-miktub dwar dan. Il-hlasijiet li kien jaghmel gieli saru in kontanti u gieli b`cheque. Ma` kull hlas kien jinghata ricevuta li kienet tinkiteb mill-atturi ghalkemm seta` kien hemm xi wahda li kiteb hu. Kelli pitazz fejn kienu jinkitbu l-ircevuti, li kienu jigu ffirmati miz-zewg partijiet. Cahad kien jaghmel pagamenti akkont bhala parti mis-somma li tkun dovuta lil Agius ghax-xogholijiet, imbaghad jaghmel pagament apparti ghall-VAT. Ikkonferma izda li kien hemm okkazjoni minnhom fejn intalab ihallas Lm3,000 ghal VAT. Huwa jaf jaqra u jikteb.

Ghar-rigward ta` l-ircevuti a fol 64, ikkonferma l-firma tieghu ghalkemm il-kitba ma kenitx tieghu. Ghalkemm huwa stess ipprezenta dawk l-ircevuti, qal illi ma kienx jaghti kaz ta` x`qed jiffirma. Dwar l-ircevuta a fol 67, sostna li jista` jkun li kitibha hu ; il-firma kienet tieghu. Ghalkemm ir-ricevuta kienet ghal hlas ta` VAT, sahaq illi il-VAT kienet diga` nkluza skont il-kuntratt.

Qal illi huwa kien izomm il-pitazz. Mistoqsi ghal aktar minn darba ghalfejn kien ihallas zejjed tal-VAT, baqa` jinsisti li r-rati maqbula kienu jinkludu l-VAT. Hu ma kienx jaghti kaz. Kien jafda lill-atturi u dawk approfittaw ruhhom minnu. Agius tawh rcevuta tal-VAT minn jeddhom mhux ghax talabhom hu. Mistoqsi kienx minnu li l-ircevuta tal-VAT inghatat meta huwa hallas lill-attur tal-VAT, qal illi huwa kien ihallas dejjem bil-VAT inkluza. Mistoqsi r-raguni ghalfejn ma kienx jitlob ircevuta fiskali ghal kull darba li kien ihallas, il-konvenut ma gharafx iwiegeb ; kemm stqarr li kien ihalli f`idejn l-atturi u l-perit. Cahad li huwa ma riedx ihallas VAT u li kien ghalhekk li qatt ma kien jitlob l-ircevuti tal-VAT..

Ipprezenta l-pitazz ta` l-ircevuti.

Xehed illi fuq il-bejt, kellha titla` tromba izda l-MEPA ma tatux permess biex ikabbar.

Qal illi dwar is-saqaf ma kienx ipprezenta kawzi. Din tal-lum kienet l-unika kawza li kellu. Ikkonferma l-ittra ufficjali Dok LG17.

Ikkonferma li fil-post sar ukoll il-madum.

**Kenneth Spiteri** - Laboratory Manager ta` d-ditta Solid Base – xehed illi huwa fis-sezzjoni tad-ditta li taghmel it-testijiet tal-konkos, asphalt, natural hard stones u pavings. Fil-kaz tal-lum, il-klijent taghhom kien Glenn Cassar ta` Kwik Mix Limited. Fil-post tal-konvenut, saru *core taking* u *sampling.* Is-saqaf ittaqqap *right thorugh* fit-23 ta` Ottubru 2007. Il-*coring operator* kien Simon Mangion. Spjega li s-sample kien thalla fl-ilma ghal 44 siegha, imbaghad tkisser go magna li taghti rizultat fi kilo newtons. Meta sar it-test, il-konkos ried ikun diga` ghaqad. L-ahjar procedura biex tkun cert mill-kwalita` tal-konkos huwa li jsir ezami qabel ma jinghata.

Kompla jixhed illi t-test li sar inhadem fuq standard test 12504 Part 1/2000. Illum jigi utilizzat standard test iehor li huwa divers peress li s-sample ma ghadhiex tithalla go l-ilma u jsiru tlett samples mill-istess post biex ikun hemm average bi tlett rizultati. Li sample ma jkunx fl-ilma jaghmel differenza. Minn ricerka li saret irrizulta li l-istandards jaghmlu differenza wkoll ta` xi 7% inqas meta jittaqqbu *cores* u mhux *cubes* fis-sens li cores 50 mm diameter huma 75% inqas b`sahhithom mentri 100mm cores huma 7%

aktar b`sahhithom minn 50 mm cores. Qal illi fil-kaz tal-lum, ittiehdet *core* ta` 50 mm.

Kompla jghid li fil-kaz tal-ewwel rapport, il-konkret tela` ghal 24.5 bit-test kif ittiehed dak iz-zmien b`core ta` 50.4 mm u b`average ta` 7% plus li kien tpogga go l-ilma bis-sistema precedenti.

Dwar it-tieni rapport KS2, qal illi dan ittiehed minn fuq il-*main entrance* u sar fl-istess gurnata mill-istess persuna li ha l-ewwel *samplings.*

Qal illi t-titqib kien vertikali. Qabel kien ikun hemm correction factors ghaliex it-titqib kien ikun orizzontali izda llum dan m`ghadux. Fil-kaz tal-lum it-titqib wassal sax-xibka. Il-*height of core* kien ta` 128. Fiz-zmien meta sar it-test, ma kinux isiru surface checks fuq il-core. Imbaghad it-test kien ipperfezzjonat.

Dwar it-tielet rapport KS3, dan ittiehed fuq *roof slab near shaft.* Lanqas f`dan il-kaz ma kien hemm titqib *right through* ; wasal sax-xibka b`102 bhala core. Il-piz tieghu fil-metru kubu kien normali ghaz-zrar ta` Malta.

Fil-**<u>kontroezami</u>** spjega li mhux hu ha s-samples. Qal illi fl-istandard test, irid ikun hemm ftehim bejn il-partijiet kollha x`ser ikun accettat bhala core, per ezempju, li ser jigi accettat minn 22 `il fuq. Fil-kaz tal-lum kien hemm core test biss. Jekk it-test isir bil-cube, il-grad itella` aktar mill-core. Huwa spjega li jekk bil-core jaghti rizultat ta` 25, dan ikun ifisser li l-konkos ikun ta` grad 30. Illum-il gurnata jsiru tlett samples fl-istess post sabiex ikunu certi dwar il-grad. Spjega li t-test qabel ma jitpogga l-konkos solitament jintalab mis-sid. Jekk jerga` jsir it-test fuq il-konkos bil-metodi godda li nhargu, il-grad tal-konkos jaf jitla` u jmur ghall-ahajr. Jekk ikun hemm xi surfaces li ma jkunux parallel jew ikun hemm barma fil-kampjun li ttiehed, it-test jista` johrog xi ftit zvantaggjat. Fil-kaz tal-lum, il-kampjun seta` jkun tajjeb u seta` ma kienx.

Xehed illi kien hu li ghamel it-testijiet fil-laboratorju fuq il-core tests. Mill-informazzjoni li kellhom, ma kienx hemm imnizzel kemm kien ilu li tqieghed il-konkos.

Xehed illi jekk jizdied l-ilma mal-konkos, dan jista` jaffettwa l-konkos izda ma jwassalx ghal qsim. Qsim huwa attribwibbli ghal design hazin ta` saqaf jew minn shrinkage li huwa normalissimu. Li kieku kellu jitkisser il-konkos kollu li jaqsam, ikun hemm bzonn li titkisser il-konkos ta` 90% ta` Malta. Dan japplika kemm ghal qsim fis-saqaf fuq kif ukoll ghal qsim minn taht.

Spjega li bi shrinkage jew design hazin ta` saqaf, il-konkos gieli anke jaqsam *right through*. Sahaq illi din hija haga normalissima. Jekk ikun hemm xquq, wiehed irid jiehu hsiebu billi jaghmel kontrabejt u xi *waterproofing*. Qsim jista` jigi wkoll minn tghabbija zejda u minn nuqqas ta` hadid.

**<u>Simon Mangion</u>** – impjegat tad-ditta Solid Base Laboratory – xehed illi saru testijiet fil-post tal-konvenut Wied il-Ghajn. It-test sar fuq saqaf ta` *roof slab on level zero*, jigifieri *ground floor*. Sar *core test* peress li s-saqaf kien diga` tqieghed. Is-saqaf kien ha erba` trakkijiet konkos. Ghalhekk huwa ha tlett *cores* sabiex jipprova jaqbad wahda minn kull trakk. Mexa ma` l-i*standard* li kien japplika dakinhar. L-i*standard* kien jghid li tittiehed *core* wahda u thalliha ghal 40 siegha fl-ilma wara li taghmlilha *trimming* u tippreparaha ghal *compression test*. Dan l-i*standard* inbidel.

Ikkonferma li hu ghamel il-*coring* b`mod vertikali. Intuza *driller* kbir li taqqab u wara hareg cilindru ta` konkos. Intuza dijametru ta` 54 mm u inqatghet *one is to one* peress li hemm tolleranza *plus* jew *minus* ta` zewg mm. Il-core trid tkun bejn 52 u 56 mm gholja u jridu jigu evitati *air bubbles*. Huwa ha l-ahajr kampjun possibbli fejn ma kienx hemm *air bubbles*. Il-kampjun thalla 40 siegha fl-ilma u imbaghad giet *crushed*. Din tigi *trimmed* fis-sens li s-*surfaces* taghha jridu jsiru *flat* jew *perpendicular* biex ma jkunx hemm qlib jew tifqiegh minn genb wiehed. Hadem skont *standards* internazzjonali.

Qal illi l-laptest li jidher fid-Dok KS 4 ghandu r-rizultat tieghu fid-Dok KS1 mentri l-lap test ta` Dok KS 5 ta rizultat ta` Dok KS 2. Meta tiehu l-core, il-grad ikun inferjuri minn meta jittiehed *cube*. Meta jittiehed cilindru, l-*aggregate* jinqasam min-nofs u b`hekk tkun diga` tnaqqset mis-sahha. Meta tinhareg il-*paste* tal-konkos ma tkunx mal-gnubijiet ghax dik tkun tnehhiet u ghalhekk ser jonqos is-siment u l-*aggregate* ser jinqasam min-nofs. B`hekk il-grad li jtella` jkun inqas. Il-kampjuni ttiehdu wahda minn *bedrooms 1* u *2* ohra mill-*main entrance* u l-ohra *near shaft*.

Fil-**kontroezami,** xehed illi l-konvenut kien prezenti meta sar it-test. Fil-kampjuni kien hemm xi frak ta` injam. Fil-wicc kien hemm xi hmieg. Kien hemm xi debris li kien mal-wicc mhux fil-konkos fis-sens illi d-debris kien fil-parti ta` fuq nett.

Stqarr illi huwa jiehu l-kampjuni *a caso* wara li staqsa minn fejn beda jinghata l-konkos. Ikkonferma li hargu tlett rizultati differenti

Dwar l-*istandard* qal illi dan inbidel sabiex ikun jista` jittiehed *average* ta` t-tlieta. Ghalkemm ha il-core, ma setax jistabilixxi li fejn hemm grad ta` 24.5 kien ikopri nofs is-saqaf.

Qal illi jekk jittiehdu zewg *cores* ezattament hdejn xulxin, il-probabilita` hija li ma jaghtux l-istess rizultat.

**Charles Grech** – Quality Manager tad-ditta Solid Base – ikkonferma fis-sostanza dak li xehdu l-impjegati l-ohra ta` l-istess ditta.

**Perit Benny Cortis** xehed illi huwa jahdem fl-ufficcju tal-Perit Edwin Mintoff. Huwa ha hsieb is-sit tal-konvenut go Wied il-Ghajn. Sar *basement* u *groundfloor* fuqu, flimkien ma` turretta fuq il-bejt. Qatt ma kellu informazzjoni li kien hemm ilmenti dwar is-saqaf. Huwa sostna li peress li l-binja zghira, ma kienux isiru *expansion joints* peress li dawn solitament isiru fil-kaz ta` binjiet kbar ta` 50 mk. Dwar is-saqaf tal-*ground floor*, ighid illi mar jara x-xibka. Wara li nghata l-konkos, il-konvenut ilmenta li hargu xi xquq fil-parti ta` quddiem u anke fil-qiegh tas-saqaf. Il-qsim kien dijagonali. Huwa ra dan il-qsim qabel il-konvenut ghamel il-kisi. Ilmenta wkoll li kien hemm hafna debris fil-konkos. Qal illi x-xquq ma kienx gravi fis-sens illi kien ser jaqa` s-saqaf. Ix-xquq seta` gie ghal diversi ragunijiet, bhala per ezempju li l-konkos dam fit-trakk, jew sar ix-xoghol malajr minflok thalla jinxef sew. Ghalkemm ix-xquq ma kienux normali, lanqas ma kienet sitwazzjoni allarmanti.

Qal illi *expansion joints* isiru peress li bis-shana u bil-kesha, il-binja tikber jew tickien. Qal illi mhux bilfors li x-xquq hargu minhabba li ma kienx hemm *expansion joints.* Fl-antik kien jintuza konkos tal-grad C20 u kienu johrogu diversi xquq.

Dwar ix-xquq ta` taht, xehed illi jekk dawn jinksew xorta jerghu johorgu. Biex ma jidhrux is-saqaf ikun irid jinkesa b`gypsum board ; ma tezistix soluzzjoni permanenti.

Qal illi huma qatt ma hargu certifikat tas-saqaf izda hargu l-kejl tax-xoghol. Hargu certifikat li sar ix-xoghol izda ma hargux certifikat li x-xoghol huwa tajjeb.

Qal illi jekk gie mizjud ilma mal-konkos, dan seta` affettwa l-grad.

Fil-**kontroezami**, xehed illi x-xquq seta` gew minn nuqqas ta` *curing*, fis-sens li meta jinghata l-konkos fis-sajf, dan jaqsam aktar jew kif ukoll ghaliex ikunu ghabbew il-konkos kmieni. Ma setax ikun xquq minhabba li ma sarux vireg li jmorru kontra x-xibka. Il-konkos jista` jkun ghaqad ghaliex ikun sar b`mix hazina jew ghaliex ikun dam ma gie t-trakk u ghalhekk, jzidulu l-ilma biex ikunu jistghu jahdmuh ahjar.

Qal illi l-ahhar kont tal-bejt ma kienx ghadu hareg. Ghalhekk ghadda kollox lill-Perit Mintoff biex ikun jista` johrog il-kont.

**Perit Edwin Mintoff** xehed illi huwa kien inkarikat mill-konvenut ghall-binja tas-sit tieghu go Wied il-Ghajn. Kien assistit fl-inkariku mill-Perit Benny Cortis. Huwa kien prezenti ghal-kuntratt ta` appalt li sar bejn il-partijiet. Spjega li l-iskeda kienet inghatat mill-kuntrattur izda zdiedu xi *items*. Saret proposta b`certu rati li mbaghad giet *superseded* bid-dokument a fol 22 tal-process. Id-dokumenti a fol 24 jirreferu ghal xogholijiet fil-livell tal-basement u fl-ahhar tad-dokument hemm imnizzel l-ammont li kien dovut mill-klijent lill-kuntrattur.

Qal illi l-ordni tal-konkos kienet ghal grad C 25. Wara li saru testijiet fuq il-konkos irrizulta li kien ta` kwalita` inferjuri u cioe C 20.

Muri r-rizultati a fol 51, spjega li dawk kienu testijiet li saru minn perit li tqabbad privatament mill-kuntrattur.

Stqarr illi l-*cube test* isir qabel ma jinghata l-konkos ossija jkollok sample ta` konkos qabel ma jitpogga, ikun gie ttestjat u jkunu saru checks

fuqu wara sebat ijiem, 14 –il jum u 28 jum mentri l-*core tests* huma testijiet li jirreferu ghal testijiet ta` konkos wara li jkun diga` nghata. Kull test jista` jvarja mill-iehor, izda r-rizultati jkunu simili. Ghalhekk il-*cube test* huwa meqjus aktar ezatt. Il-*core test* isir *factoring* b`mod oggettiv. Mhux normali li jigi ordnat *cube test* fuq zvilupp ta` din in-natura.

Qal illi skont it-testijiet li ghamlet id-ditta Solid Base, irrizulta li l-grad ta` konkos kien anqas minn dak li kien miftiehem fil-kuntratt ta` bejn il-partijiet. Ir-rizultat kien ta` C20. It-testijiet kienu *core tests.* Skont l-istandard EN 12504 Part I tat-2009, il-core test itella` 15% inqas milli jtella` l-cube test. Jekk jizdied 15% ma` kull wiehed mir-rizultati mahruga (ossija ma` 24.5, 22.5 u 21.5) jintlahaq C 25 jew addirittura jinqabez.

Qal illi fi progett domestiku bhal dar residenzjali, jittiehed biss *cube test* tal-konkos meta jkun hemm xi dubbju dwar il-kwalita` tal-konkos.

Stqarr illi fil-kaz tal-lum, kien hemm konsenturi fis-saqaf. Il-konsenturi li jsiru fuq il-wicc tas-saqaf ikunu superficjali ghaliex ikunu rizultat ta` *shrinkage.* Fil-kaz ta` konsenturi minn taht is-saqaf dawn mhux suppost johorgu u jista` jkollhom konsegwenzi strutturali. Dawn it-tip ta` konsenturi ghadhom jidhru u ghadhom hergin.

Fisser illi l-konsenturi jistghu jigu mill-kwalita` tal-konkos, apparti hwejjeg ohra. Qal illi ladarba johorgi l-konsenturi, ikun hemm difett. Jekk il-konsenturi jkunu kontra x-xibka, dawn ikunu aktar gravi.

Qal illi l-kontijiet jista` jkun li hargu meta kien hemm is-shutter jew qabel tfaccaw il-konsenturi.

Stqarr illi ma jafx jekk id-difett harigx wara li hareg il-kont jew qabel.

Spjega li l-fatt li l-binja hija ta` sular wiehed, ma ghandu x`jaqsam xejn dwar *loading* peress li l-*loading* huwa tramess gol-hitan mhux go *slab.*

Spjega li l-uzu tal-konkos ivarja skont diversi fatturi bhal kobor tal-kamra, jekk hemm xi *flash beams,* u jekk hemmx xi hitan li qeghdin jistriehu fuq is-saqaf.

Muri l-appendici A anness mal-kuntratt Dok EM2, ikkonferma illi kien hemm imnizzel x`inhi r-rata ta` konkos ta` C20. Il-kuntrattur jkun ipprepara skeda ta` prezzijiet. L-iskeda kienet trattata u sar ftehim billi items 38, 39 u 40 gew imnaqqsa.

Spjega li meta kien infurmat bix-xquq li feggew, ta struzzjonijiet lill-Perit Cortis biex imur fuq is-sit.

Qal illi l-konvenut ilmenta li sab debris fis-saqaf bhala lastku u injam. Dak it-tip ta` debris jistta` jaghmel hsara lis-saqaf jekk ikun f`ammonti sostanzjali.

Qal illi fuq is-sit huma raw ix-xquq u sabu li ma kienux normali.

Diversi kien ir-ragunijiet ghaliex kien hemm ix-xquq.

Qal illi rimedju ma kienx hemm hlief ghal xi compound sabiex il-crack tinghalaq. Il-kwistjoni kienet estetika mhuxstrutturali. Is-saqaf ma kienx ser jaqa`.

Qal illi ilma mizjud mal-konkos, kien ser affettwa.

Qal illi sabiex ikun hemm xquq ifisser li jew ix-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha jew inkella li l-materjal li ntuza ma kienx tal-kwalita` hekk kif specifikata.

Fil-**<u>kontroezami,</u>** eskluda illi x-xquq seta` gew minn caqlieq fil-konkos.

Qal illi l-ahhar kont inhareg.

Stqarr illi ma kienx hemm  kontijiet ohra.

**2) Ir-relazzjoni peritali**

**a) Il-verbal tal-access**

Il-Qorti marret fuq il-post. Kienet assistita mill-Perit Alan Saliba li kellu struzzjonijiet biex jiehu notamenti teknici ta` dak li kien qed jigi kostatat. Kien verbalizzat hekk :-

*Dan il-qsim deher fil-kisi tal-istess soqfa u kif ukoll fil-konkos fejn inkixfu partijiet zghar mill-kisi :*

1. *Fil-kcina*
2. *Fil-kuridur*
3. *Fl-entrata*
4. *Fis-salott*
5. *Fil-kamra tal-ikel (combined mas-salott)*

**b) Konsiderazzjonijiet**

Wara li ntemm l-access, il-Qorti nkarikat lill-Perit Alan Saliba sabiex jestendi l-kostatazzjonijiet li ghamel fuq il-post fil-forma ta' relazzjoni. Il-perit tekniku kien dirett sabiex jindika kwalsiasi konsiderazzjoni illi jidhirlu relevanti ghall-finijiet tat-talbiet u tal-eccezzjonijiet.

**i) Dwar is-sahha tal-konkos**

Il-perit tekniku jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet :-

*3.01 Mhux kontestat li l-konkos kellu jkun tal-klassi C 25 skont l-ordni tal-Perit inkarigat tant li l-atturi ordnaw l-istess tip ta` konkos minghand il-fornitur Kwik-Mix Ltd. Lanqas m` hu kontestat illi l-appalt fil-kwistjoni kien jikkomprendi kemm il-mano d` opera u kif ukoll il-forniment tal-materjal mill-atturi lill-konvenut.*

*3.02 Jirrizulta illi l-Kumpanija Kwik-Mix Ltd li forniet il-konkos lill-atturi ordnat tlett testijiet tal-konkos minghand il-Kumpanija Solidbase, liema testijiet irrizultaw f`core compressive strength ta` 24.5, 21.5 u 22.5N/sq.mm. L-istess kumpanija Kwik Mix Ltd inkarigat ukoll lill-Perit Johann Farrugia sabiex jirraporta dwar l-istess rizultati tat-testijiet.* ***F`dan***

***il-punt, l-esponent Perit Tekniku jigbed l-attenzjoni ghal diskrepanza bejn it-test result sheet a fol 214 u t-test report relattiv a fol 211 fis-sens illi l-average diameter of sample huwa 54/02 mm minflok 53.19 mm (u kif ukoll il-height of sample huwa 53.19mm minflok 53.12 mm). Dan ifisser illi l-core compressive strength Dok KS 3 fol 211 huwa proprjament 22.0N/sq mm minflok 22.5N/sq.mm).***

*3.03 Preliminarjament jigi rilevat illi l-materjal tal-konkos mhux omogenju u ghalhekk it-test ivarja minn lok ghall-iehor fl-istess saqaf fejn jista` jkun hemm avarija ta` 2N/sq mm jew aktar f`saqaf. Fil-kaz in ezami ittiehdu tlett cores minn tlett postijiet differenti tas-saqaf sabiex jippruvaw jaqbdu sample minn kull trakk billi kienu saru tlett konsenji separati. Meta wiehed jordna konkos bi grad C 25, skont il-European Codes dan ikun ifisser illi* ***25N/sq.mm is the value of in-situ compressive strength below which 5% of all test results is expected to fall*** *ibbazati fuq* ***standard 100 mm cube or cylinder specimen.***

*3.04 Hemm zewg testijiet li normalment isiru fuq konkos: 1. <u>Cube test</u> fejn meta jigi l-konkos fuq il-lant jittiehed sample frisk tal-konkos li jigi ffurmat fi cube jew cylinder daqs 100 mm trattat fil-laboratorju, preservat ghal 28 gurnata u crushed. 2. Core test fejn jittiehed core drill (f`dan il-kaz 50 mm diameter) mill-konkos maghqud fil-post wara 28 gurnata li jinghata, li jigi trattat fil-laboratorju u crushed. Id-differenza bejn dawn iz-zewg testijiet hija illi fejn il-cube test ikun hemm differenza mill-konkos attwali fil-post kemm f`dak li huwa workmanship (partikolarment ghal dak li huwa vibrating u curing) u kif ukoll f`kaz li l-konkos idum biex jinghata fuq il-post jew jizdiedlu l-ilma mentri fil-kaz tal-core test, iz-zrar li jkun fit-tarf tal-core jigi maqsum fil-qtugh tal-core filwaqt illi ma jkunx hemm il-paste tas-siment mal-gnubijiet tal-core. Id-definizzjoni msemmija fil-European Code hi bbazata fuq l-ewwel tip ta` test (cioe` 100 mm cube jew cylinder mill-konkos frisk) mentri fil-kaz in ezami saru tlett core tests fil-konkos maghqud. F`dan ir-rigward saret ukoll referenza ghal dik il-parti tal-European Codes li tghid li l-****core strength huwa madwar 85% tal-cube strength*** *u kif ukoll illi* ***100 mm cores are stronger than 50 mm by approximately 7%.*** *Ghalhekk hemm certu factoring li jrid isir fuq il-core tests. Meta wiehed iqabbel it-test results sheets (fol 212-214) mat-test reports (fol 209-211) ma jidhirx li da nil-factoring sar minn SolidBase qabel waslu ghall-konkluzzjonijiet taghhom.*

*3.05* ***Ghalhekk skont in-normi stabbiliti fl-istess European Code EN 13791:2007 vigenti fiz-zmien li saru t-testijiet imsemmija, il-core compressive strengths ta` 24.5, 21.5 u 22.0N/sq.mm huma ekwivalenti ghal Compressive Strength Class ta` C 25, u cioe` skont dak pattwit.***

*3.06 Dwar il-kwalita` taz-zrar fil-konkos, fejn jirrizulta li ntuza zrar daqs ½ " (nofs pulzier) u 3/8", m` hemmx kontestazzjoni billi d-densita` tas-sample taqbez 2000kg/cubuc.m.*

*3.07 Ghalkemm fil-kontroezami Perit Johann Farrugia jaqbel li s-saqaf difettuz, madanakollu jidher illi hawnhekk il-Perit Farrugia qed jirreferi ghad-difetti tal-qsim u mhux ghal xi difett fil-klassi tal-konkos tant illi fir-rapport tieghu Dok L a fol 52 jghid illi "The grade of concrete obtained as cast as at present can very well perform the same structural performances of the projected designed C 25". Fil-fatt, il-Perit Edwin Mintoff jalludi li hemm difett fil-konkos relatat mal-qsim u mhux ghal xi differenza fil-klassi tal-konkos (ghalkemm l-atturi jghidu li l-Perit Edwin Mintoff qallilhom li s-saqaf huwa tajjeb).*

*3.08 Fil-proceduri Solidbase jaghmlu wkoll referenza ghall-fatt illi n-normi stabbiliti ghat-testijiet fuq il-konkos illum inbidlu billi llum m` ghadhomx ihallu s-sample fl-ilma ghal jumejn bhala curing, li llum is-sample irid ikun machined bil-wicc aktar perfett fejn il-brim igib rizultat ftit inqas u kif ukoll illi llum iridu jittiehdu tlett cores vicin xulxin u jissottomettu illi mir-ricerka li ghamlu huma, bl-ilma ir-rizultati jkunu bejn 5% u 10% inqas billi l-ilma jrattab il-konkos. It-tehid ta` tlett cores skont in-normi stabbiliti llum jaghtu indikazzjoni ahjar tas-sahha tal-konkos billi aktar ma jittiehdu cores aktar wiehed jista` jkollu stamp aktar cara tas-sahha tal-konkos (ghalhekk min-naha l-ohra jizdiedu l-ispejjez tat-testijiet minbarra li jkun hemm aktar tnaqqir tal-konkos), madanakollu, il-core wiehed li ttiehed minn tlett postijiet differenti jaghti indikazzjoni tajba tas-sahha tal-konkos skont in-normi stabbiliti f`dawk iz-zminijiet li saru l-imsemmija testijiet."*

## ii) <u>Dwar il-kwalita` tas-saqaf</u>

Il-perit tekniku jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet :-

*4.01 Ghalkemm kif inghad aktar qabel, jirrizulta illi l-konkos kien tas-sahha pattwita, l-esponent mhux ser jiskarta d-difetti li lmenta minnhom il-konvenut, partikolarment dwar il-qsim fis-saqaf u kif ukoll dwar il-bicciet tal-lastku, gablo u injam li hargu fil-wicc. Dan billi l-kwalita` tas-saqaf ma tiddependix mis-sahha tal-konkos imma wkoll minn fatturi ohra kif ser jissemma aktar `il quddiem f`din ir-relazzjoni.*

*4.02 Il-konvenut jilmenta li kien hemm bicciet ta` plastik/lastku, injam u gebel fil-wicc tla-konkos (ritratti Dok 14 sa 17 fol 150 sa 152). L-attur Saviour Agius jallega li l-bicciet tal-injam jew wire huma mill-barriera taz-zrar. Simon Mangion minn Solidbase xehed li kien hemm frak tal-injam fil-*

*wicc tas-sample li gieli ltaqa` maghhom billi x-shutter ikun tal-injam. Ghalkemm waqt l-access dawn il-materjali ma setghux jidhru billi l-wicc tal-konkos mghotti bil-kontrabejt, jirrizulta illi dawn il-materjali kienu fil-wicc tal-konkos u ghalhekk ma kellhom l-ebda effett fuq il-kwalita` tal-konkos. Fil-fatt, ghalkemm dawn il-materjali fil-wicc setghu jidhru mill-ewwel, il-konvenut ma nkwetax sakemm ra l-qsim fis-saqaf.*

*4.03 Fil-proceduri l-atturi jaghmelu referenza ghall-fatt illi l-konvenut kien jordna l-kimika direttament ghal mal-konkos u kien ukoll jordna lix-xufier tal-bajla biex izidlu l-ilma. Dwar tal-ewwel jigi rilevat illi din il-kimika tikkonisti f`retarder sabiex il-haddiema jkollhom cans jifirxu l-konkos minghajr ma jinholqu cold joints (partikolarment tenut kont illi da nil-konkos inghata fl-eqqel zmien tas-sajf) oltre illi Glenn Cassar minn Kwik Mix Ltd jghid li din il-kimika dak iz-zmien kienu joffruh standard filwaqt illi l-konvenut innega li huwa kien talab lil Kwik Mix sabiex izidu xi kimika. Dwar l-ilma mizjud jirrizulta illi l-atturi kienu jafu b` da nil-fatt billi fuq id-delivery notes tal-konkos (Dok F, G, H fol 45, 46, 47 u l-istess DOk GC 1, GC 2, u GC3 fol 110, 111, 112) hemm il-firma tal-attur fir-rigward filwaqt illi l-istess Glenn Cassar xehed li l-ordni biex jizdied l-ilma kien ghamilha l-attur. Dan minbarra wiehed ma jiskarta l-fatt illi bennej tal-esperjenza jinduna meta jkun qed jizdied l-ilma fil-mixer billi l-operatur idawwar l-istess mixer biex l-ilma mizjud jithallat sew fil-konkos. Dawn il-fatti ma kellhom l-ebda riperkussjonijiet fuq is-sahha jew id-difetti li hargu fil-konkos u dan il-paragrafu qued jissemma sabiex jigi milqut kull aspett li tqajjem f`dawn il-proceduri nonstante li ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqas fil-kwalita` tal-materjal tal-konkos.*

*4.04 Il-qsim riskontrat fuq il-post – kif jidher fl-iskizz mhejji mill-esponent Perit Tekniku Dok ASK – jidher li huwa matul l-iqsar span tas-saqaf u ghalhekk fil-probabilita` favur id-direzzjoni tax-xibka (billi ma gewx prezentati dettalji dwar ir-rinforz fis-saqaf). Ghalkemm il-wicc tas-saqaf mghotti bil-kontrabejt, l-attur Saviour Agius xehed li s-saqaf minn fuq kien fih naqra qsim. Kemm minn dak riskontrat fuq il-post (cioe` il-qsim li deher minn tajt u d-daqs tal-kmamar relattivi) u mill-provi m` hemmx indikazzjoni li s-saqaf falla. Qsim ta` din ix-xorta huma normali partikolarment f`saqaf simili li jkun that bejt u ghalhekk espost ghall-elementi. Lanqas ma jirrizulta li kienu ordnati xi expansion joints, liema expansion joints ikunu jiffurmaw parti mid-disinn partikolarment tenut kont ukoll illi f`Malta mhix prassi li jsiru dawn l-expansion joints f`soqfa simili. Li jigri huwa li meta s-saqaf jespandi (partikolarment billi l-konkos inghata fl-eqqel tas-sajf) u jigbed dan jinqasam mill-aktar parti dghajfa u cioe` mil-lok fejn ikun hemm il-vireg sekondarji tax-xibka. Dan il-qsim m` ghandux x`jaqsam mas-sahha tal-konkos, mal-fatt li gie mizjud l-ilma jew mal-fatt li kien hemm xi materjali ohra fil-konkos tant illi ma jistax jigi eskluz li li f`kaz li (i) ir-rizultati tat-testijiet tellghu hafna aktar; (ii) ma zdiedx l-ilma; u (iii) ma rrizultawx il-*

*materjali msemmija fil-konkos, dan il-qsim kien johrog xorta wahda. Dan il-qsim seta jigi evitat biss billi jsiru expansion joints fuq il-wisgha tal-hitan ssabiex is-saqaf ikun jista` jaghmel movement (bil-qsim jigi kontrollat biex johrog fuq il-hxuna tal-hajt u ghalhekk ma jkunx vizibli). F`dan ir-rigward l-attur Saviour Agius jissottometti li x-xoghol huwa sewwa u kien ghalhekk li ma bidilx is-saqaf ghax normali li jaqsam bis-shana filwaqt li l-perit tal-konvenut xehed li r-rimedju hu li tuza elastic compound u li ma tista` taghmel xejn biex tevita l-qsim.*

*4.05 Fil-proceduri l-konvenut isemmi wkoll li madwar tlett kwarti tas-saqaf inghata mill-attur Dominic wahdu u kif ukoll minn ready mix zghir li kien intuza mill-attur Saviour x`imkien iehor fl-istess gurnata (u ghalhekk ikun ghadda l-hin minn fuq il-konkos) ghalkemm l-attur Antoine Agius xehed li hu kien isuq il-krejn u l-atturi Saviour u Dominic kienu jaghtu s-saqaf u bl-ewwel trakk ittardjaw biss ghal nofs siegha meta taw bih ukoll saqaf zghir fil-vicinanzi. Dan il-fatt ma kellu ebda riperkussjonijiet fuq is-sahha jew fuq id-difetti li hargu fil-konkos u da nil-paragrafu ukoll qed jissemma sabiex jigi milqut kull aspett li tqajjem f`dawn il-proceduri nonostante li ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqas fil-kwalita` tal-materjal tal-konkos.*

## iii) <u>Konkluzjonijiet</u>

Il-perit tekniku jghid illi mill-ammont pretiz mill-atturi skont il-kont a fol 42 sa 44, dak li jirrigwarda x-xoghol tas-saqaf kien Lm1,341.28 ekwivalenti ghal €3,124,34 flimkien ma` VAT ta` €562.38. B`hekk it-total jigi €3,686.72.

In partikolari dwar il-kwistjoni tal-VAT, il-perit tekniku ighid hekk :-

*5.01 L-atturi jissottomettu illi r-rati fil-ftehim tal-04 ta` April 2006 (Dok A fol 19-22, DOk EM1 fol 159-162 u Dok EM 2 fol 163-167) kienu jeskludu l-VAT mentri l-konvenut jissottometti illi dawn ir-rati kienu jinkludu l-VAT fit-termini tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*5.02 Jirrizulta li l-atturi taw l-iskeda ta` rati lill-Perit, il-Perit kien ra xi rati li kienu ftit aktar u qal lill-atturi li x-xoghol ma kienx qed imur b` din ir-rata u fejn ma qablux irrangaw ir-rati bil-pinna fuq fol 22. Dwar il-VAT fi skeda ta` rati simili, ghalkemm normalment ir-rati jigu mnizzla minghajr VAT, normalment ukoll jinkiteb notament fuq l-istess skeda li r-rati msemmija jeskludu l-VAT, liema notament ma jidhirx fuq l-iskeda fil-ftehim fil-kwistjoni.*

*5.03 Fit-tlett kontijiet mahruga mill-Perit tal-konvenut, il-Perit zied il-VAT fuq ir-rati miftehma (fol 32/34/44) u ghalhekk minn dawn il-kontijiet jidher li anke l-Perit tal-konvenut – li quddiemu kien sar il-ftehim imsemmi – fehem li r-rati kienu jeskludu l-VAT.*

*5.04 Ma tirrizultax id-data tal-imsemmija kontijiet jew inkella li l-imsemmija tlett kontijiet inhargu separatament u ghalhekk forsi wiehed ikun jista` jiddeduci jekk il-konvenut kellux opportunita` iressaq l-ilment dwar il-VAT wara l-ewwel kont , qabel inhargu z-zewg kontijiet l-ohra.*

*5.05 Ghalkemm fil-kuntratt m` hemmx imnizzel li l-prezzijiet imsemmija ma jinkludux VAT, dawn il-prezzijiet huma r-rati vigenti minghajr VAT ghaz-zminijiet li saru x-xogholijet billi jekk wiehed jaqbad ezempju r-rati principali tal-gebel, brikks u soqfa fil-ftehim ta` Lm26.50m Lm28.00 u Lm38.50 rispettivament certament li jigu baxxi hafna minghajr VAT (Lm22.46, Lm23.72 u Lm32.63 rispettivament) meta jigu kkomparati mar-rati applikabbli fiz-zmien li fih saru x-xogholijiet.*

*5.06 Fattur iehor li jimpingi fuq din il-kwistjoni dwar il-VAT huwa l-fatt illi wara li l-konvenut hallas madwar Lm20,000 f`erba` pagamenti separati huwa hallas Lm1,800 f`VAT separatament (Dok LG 5 fol 64) u meta hallas madwar Lm21,000 fi tlett pagamenti ohra huwa hallas Lm1,800 ohra f`VAT separatament ( Dok LG 8 a fol 67). Kemm dan il-fatt u kif ukoll l-ircevuti relattivi tal-VAT fuq l-ammont ta` Lm20,000 (Dok LG 10 a fol 69 datata 23/03/2007 u Dok LG 11 fol 70 datata 9/07) nonostante li l-konvenut kien hallas madwar Lm40,000 jindikaw illi din il-VAT kienet qed tithallas mhux fuq l-ammonti kollha mhallsa lill-atturi. Fil-fatt f`dan ir-rigward l-attur Antoine Agius xehed `Mela l-affarijiet kienu jsiru jekk per ezempju hu kien tana f`xi perijodu ta` qabel ghaxart elef Maltin, ghaxart elef Maltin fuqhom tinhadem elf u tmin mija VAT , meta ikun komdu jtina l-hlas tal-VAT illi ahna fl-ahhar mill-ahhar ridna naraw illi l-kont finali ha jsir, ix-xoghol plus il-VAT kollu.*

Il-perit tekniku jaghmel ukoll rendikont tal-hlasijiet li saru mill-konvenut skont ir-ricevuti rilaxxjati u skont il-kontijiet a fol 24 sa 44 u a fol 62 tal-process. Isib diskrepanza bejn ir-ricevuti u l-kontijiet ta` Lm3,670.68 jew €8,550.38.

Il-perit tekniku jikkonkludi hekk :-

***8.01 Jirrizulta illi l-konkos fornut mill-atturi ghas-saqaf tal-bungalow tal-konvenut kien tas-sahha pattwita.***

***8.02 Il-qsim li hargu fis-saqaf huma rizultat ta` nuqqas ta` expansion joints fid-disinn tal-istess saqaf.***

***8.03 Il-materjali (lastiku/injam/gebel) li hargu fil-wicc tal-konkos tas-saqaf huma superficjali u ma hallew l-ebda effett fuq il-kwalita` tas-saqaf.***

***8.04 Ghalkemm fl-iskeda ta` rati fil-ftehim ma hemmx indikat li r-rati kienu jeskludu l-VAT, jirrizulta illi l-perit tal-konvenut zied il-VAT fuq ir-rati miftehma fil-kontijiet relattivi filwaqt illi mir-rati vigenti ghall-istess xogholijiet jirrizulta illi r-rati fil-ftehim ma kienux jinkludu l-VAT.***

***8.05 L-atturi fadlilhom jithallsu s-somma ta` tmint elef, hames mija u hamsin Euro u tmienja u tletin centezmi (EUR 8,550.38) ghax-xogholijiet esegwiti minnhom, li minnhom EUR 3,686.72 ikopru x-xogholijiet tas-saqaf lamentati mill-konvenut.***

**iv) <u>Eskussjoni</u>**

Il-perit tekniku wiegeb ghal domandi in eskussjoni.

Huwa xehed li l-konkos la jrid ikun xott wisq u lanqas mimli ilma, ghaliex ikun hemm riperkussjonijiet fiz-zewg kazi.

Huwa spjega li hemm hafna testijiet li jistghu jsiru. Skont in-normi Ewropej, irid ikun ta` 100 mm *cubed* u *crushed* bil-balja tal-konkos mhux mehud minn fuq is-sit. Dik il-*cube* trid ittella` 25. Meta jkun miftiehem konkos ta` grad C 25, irid jirrizulta li meta giet il-balja tal-konkos, ittiehed cube il-laboratorju, u wara li jsir l-ezami, ittella` 25. Fil-kaz tal-lum, ittiehdu cores tal-50 u mhux tal-100. Hemm differenza bejn core tal-50 u core tal-100.

Huwa sostna li l-konkos li nghata kien skont skont il-kuntratt. Jekk wiehed iqis rizultat ta` 21.5 u jaghmlu *division* b`0.85 minhabba l-85% bejn il-core strength u l-cube strength, imbaghad izid 7% minhabba li l-core kienet 100mm, ir-rizultat jigi 27.1 Dan il-factoring suppost sar mill-laboratorju mhux mill-perit izda l-laboratorju ta biss il-core strength. Huwa kkonferma li jekk il-qsim ikun fid-direzzjoni tax-xibka dak ikun izjed aghar.

Stqarr illi l-qsim m`ghandux x`jaqsam mal-grad tal-konkos. Il-qsim isehh ghax ma jsirux expansion joints mhux ghax ikun hemm problema ta` struttura. Is-soqfa li jkunu taht il-bjut generalment jaqsmu. Go Malta hija prassi li ma jsirux expansion joints. Fil-kaz tal-post tal-konvenut, ma kienx hemm qsim go kull saqaf. It-tip ta` qsim riskontrat waqt l-access huwa fin-norma. Il-qsim jinkera bi prodott apposta u m`ghandux jerga` johrog. Meta saqaf ikun taht bejt, ikollu bzonn ta` hafna manutenzjoni. Fil-kaz tal-konvenut kien hemm biss *hairline cracks.* Sabiex seta` jara whud minnhom, kellu jitla` b`sellum. Skont l-arti u s-sengha ghandhom isiru expansion joints.

Fisser illi meta naqqas il-VAT mir-ritratti skont il-ftehim, dawn kienu jigu baxxi hafna aktar mis-suq. Ir-rati kkwotati jsiru b`dak il-mod. Jekk bennej jaghzel li jahdem b`rati li jkunu aktar baxxi minn dawk tas-suq, johrog bit-telf.

## v) <u>Prova ta` fatt</u>

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"<u>Calleja vs Mifsud</u>"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni*

*kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 u "**Calleja *noe* vs Mifsud**" – op. cit.)

Il-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*" – ("**Bugeja *et* vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Fil-kaz tal-lum, ma saret l-ebda talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali.

## III. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Abbazi tal-provi akkwiziti, jirrizulta li l-atturi ghamlu xoghol ta` kostruzzjoni go art fi Triq id-Dahla ta` San Tumas, Wied il-Ghajn, proprjeta` tal-konvenut. L-appalt kien regolat bi ftehim bil-miktub. Il-ftehim kien jinkludi r-rati u l-modalitajiet ta` hlas (ara fol 19 et seq). Ix-xoghol beda jigi ezegwit bejn l-ahhar tal-2006 u l-bidu tal-2007. Il-konvenut kien jaghmel hlasijiet akkont fil-kors tax-xoghol , Ghal li jhallas, l-atturi kienu johorgu ricevuta. Il-perit tal-binja kien il-Perit Edwin Mintoff. Dan hareg kontijiet ghal xoghol li tlesta. Xi zmien wara li nghata il-konkos sabiex jigi ffurmat is-saqaf tad-dar,, il-konvenut ilmenta li kien hemm xi bicciet tal-lastiku, gablo u injam fil-konkos, kif ukoll illi zviluppaw xquq. Il-konvenut beda jirrifjuta li jhallas il-bilanc. U beda jilmenta dwar il-konkos uzat ghall-kostruzzjoni ta` s-saqaf. Billi l-konvenut ma hallasx, saret il-kawza tal-lum.

1) <u>L-ewwel eccezzjoni</u>

**Bl-ewwel eccezzjoni qeghda tkun eccepita l-inkompetenza tal-qorti *ratione valoris.***

**L-eccezzjoni hija bla bazi u sejra tkun <u>michuda</u>.**

Minn ezami ta` l-korrispondenza esebita, jidher li l-ammont kien ghadu jrid jigi likwidat jew addirittura kien jissupera l-ammont stabbilit ghall- kompetenza ta` din il-Qorti. Infatti fl-ittra Dok LG13 a fol 72 ma tnizzel l-ebda ammont rappresentanti l-bilanc dovut ; kien hemm biss interpellazzjoni biex il-konvenut jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ghas-somma bilancjali li kienet ghadha dovuta. Fl-ittra Dok LG 16 a fol 75, l-atturi talbu li tithallas is-somma ta` €8,385.74 rapprezentanti bilanc dovut kif ukoll talbu l-hlas ta` kont finali li kellu jinhareg mill-Perit Mintoff dwar xogholijiet koncernenti l-opramorta, it-tromba u kull xoghol iehor ezegwit `il fuq mil-livell tas-saqaf. Fl-ittra ufficjali Dok LG17 a fol 76, jirrizulta li l-atturi kienu talbu l-hlas tas-somma ta` €16,243.25, talba li kienet respinta mill-konvenut. Anke li kieku ghall-grazzja ta` l-argument biss, kellu jigi accettat li l-ammont indikat fil-korrispondenza ma kienx jaqa` fil-kompetenza ta` l-Qorti, il-korrispondenza kienet skambjata bla pregudizzju u ghalhekk ma tikkostitwix rabta.

Tajjeb jinghad ukoll illi hekk kif impostata l-kawza, l-atturi talbu lill-Qorti sabiex tillikwida l-ammont bilancjali dovut lilhom mill-konvenut u sabiex tikkundanna lill-konvenut biex ihallas is-somma likwidata. Kif qalet din il-Qorti (**<u>PA/AE</u>**) fis-sentenza li tat fit-22 ta` Novembru 2012 fil-kawza "**<u>Joseph Cachia et vs Silvio Debono et</u>**" ladarba fit-talba ghal-likwidazzjoni tal-hlas, l-atturi ma llimitawx ruhhom biex jitolbu somma ta` flus li ma teccedix il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-Qorti ma tistax tigi kkunsidrata li mhijiex kompetenti *ratione valoris.*

Ta` l-istess portata kienet is-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex Gurisdizzjoni Superjuri fid-29 ta` Mejju, 2012 fil-kawza "**<u>Joanna Camilleri et vs Paulmid Developments Limited</u>**" [**<u>PC</u>**] li kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b`sentenza tat-30 ta` Settembru 2016. Inghad hekk :-

*F`kawza fejn kienet qamet kwistjoni simili, din il-Qorti kienet fissret illi*

*".... L-art. 747 tal-kap. 12 jistabilixxi illi meta l-valur ikun incert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-Qorti ta` gurisdizzjoni limitata. Hekk ukolljitqies dejjem bhala li ghandhom valur li ma jistax jigi determinat, inter alia dawk il-kawzi li fihom il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba ta` l-attur, u lanqas ma jista` jigi determinat bil-mod imsemmi fil-ligi, bhal ma Hu l-kaz in ezami. Dana peress illi, ghalkemm f`certi kazi l-ligi tikkontempla l-hatra ta` periti sabiex jistabilixxu l-valur ta` l-oggett in kwistjoni ghall-fini ta` kompetenza, bhal ma kien jigri per ezempju sa qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi l-godda tal-procedura meta kienet tqum kwistjoni f`kaz ta`appell minn certi sentenzi moghtija minn din il-Qorti, tali hatra ma tistax tapplika wkoll ghal kaz bhal ma hu dak in ezami. Dana appuntu ghaliex .... tali nomina tkun qed tinfluwixxi direttament anzi tiddecidi minn qabel fuq il-mertu, xi haga li tista` tigi determinata biss wara li jkunu ngabru l-provi kollha dwar il-hsara allegatament ikkagunata.*

*Ghalhekk billi l-valur tad-difetti allegati seta` jigi determinat biss fil-mori tal-kawza, ghamlu sew l-atturi li pprezentaw il-kawza taghhom quddiem din il-Qorti, u konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.*

Dan premess, l-argument tal-konvenut skont in-nota ta` sottomissjonijiet tieghu illi l-kont finali tax-xogholijiet li kien ghadu pendenti inhareg biss fl-istadju tal-provi tal-konvenut u li nhareg fuq ordni tal-Qorti mhux se jassisti lill-konvenut. Il-kont finali effettivament hareg wara li ngibdet l-attenzjoni tal-periti involuti li dan il-kont ma kienx ghadu hareg. Fl-ebda hin ma kien allegat, bhalma allega l-konvenut, li dan il-kont inhareg fuq ordni tal-Qorti ghaliex il-perit ma accettax li johrog il-kont minhabba li ma ccertifikax li x-xoghol kien sar skont is-sengha u l-arti. Dan l-argument huwa fallaci ghall-ahhar peress li l-kont finali jirrigwarda xogholijiet ohra li saru mill-atturi, mhux ix-xoghol tas-saqaf tad-dar tal-konvenut. Inoltre l-Perit Mintoff spjega li l-prattika taghhom hija li kif jitkejjel ix-xoghol johrog ic-certifikat. Stqarr illi huwa ma kienx jaf x`kienet ir-raguni ghalfejn ma kienx hareg il-kont. Il-Perit Mintoff ma qalx illi l-kont ma kienx hareg ghaliex ix-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti. Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-ghan ta` l-atturi bil-kawza tal-lum kien illi jithallsu kull ma kien dovut lilhom mill-konvenut u li dak dovut kellu jigi likwidat. Ghalhekk il-Qorti hija kompetenti li tisma` l-kawza.

**2) <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

**Bit-tieni eccezzjoni, qeghda tkun eccepita l-intempestivita` tal-azzjoni attrici.**

Il-konvenut qed isejjes l-eccezzjoni fuq il-klawsoli (vi) u (xi) tal-kuntrat ta` appalt.

Klawsola (vi) taqra :-

*Il-perit ghandu jiccertifika d-data meta, fl-opinjoni tieghu, ix-xoghol ikun lest minn kollox ...*

Klawsola (xi) taqra :-

*Il-pagament lill-kuntrattur isiru kull meta jsir il-kejl b`ammont ta` 85% tax-xoghol li jkun sar tajjeb tul dan il-perijodu, kif stmat mill-perit. Dawn il-pagamenti jsiru fi zmien 14-il gurnata minn meta il-perit jiccertifika x-xoghol. Il-kumplament tal-hlas isir wara li jitkejjel ix-xoghol mill-perit, fi zmien mhux iktar minn xahar minn meta l-perit jiccertifika li x-xoghol ikun tlesta minn kollox.*

Din il-Qorti mhijiex tikkondividi l-pretensjoni tal-konvenut illi l-azzjoni attrici hija ntempestiva.

Huwa evidenti ghaliha kemm mill-korrispondenza skambjata, u kif ukoll mill-grajjiet kif svolgew wara li l-atturi lestew ix-xoghol, illi l-konvenut ma kienx behsiebu jkompli jhallas lill-atturi dak li kien dovut lilhom. Il-kontendenti kienu waslu fis-sitwazzjoni fejn min-naha l-atturi kienu qed jitolbu hlas u min-naha l-ohra l-konvenut ma kienx lest ikompli jhallas. Sabiex johorgu mill-impasse, kellha ssir din il-kawza.

Barra minn hekk, mill-provi rrizulta li x-xoghol tlesta kollu tant li l-Perit Benny Cortis – li mill-ufficcju tal-Perit Edwin Mintoff kien il-perit li effettivament kien qed jiehu hsieb il-progett – ikkonferma li kien inhareg certifikat li juri li x-xoghol kien tlesta. Li ma kienx hareg kien certifikat li jghid illi x-xoghol kien tajjeb. Fl-istess waqt, kemm il-Perit Cortis kif ukoll il-Perit Mintoff ikkonfermaw li l-ilmenti tal-konvenut dwar ix-xoghol tas-saqaf ma kinux ta` natura strutturali izda kienu marbuta ma` l-estetika biss.

**Ghalhekk it-tieni eccezzjoni qeghda tkun michuda wkoll.**

**3) Il-mertu**

**L-eccezzjonijiet l-ohra jolqtu l-mertu. Ghalhekk il-Qorti sejra tittrattahom flimkien mat-talbiet.**

Il-konvenut ma jridx ihallas lill-atturi ghaliex ighid illi x-xoghol ma kienx esegwit kif titlob is-sengha u l-arti, kif ukoll l-atturi kisru l-kondizzjonijiet tal-kuntratt.

Ghal dak li jirrigwarda l-ezekuzzjoni tax-xoghol – abbazi tal-provi – jirrizulta li l-ilmenti tal-konvenut huma tlieta :-

(a) illi l-konkos utilizzat ghas-saqaf tad-dar ma tellax il-grad li kien miftiehem fil-ftehim ; (b) illi l-konkos kien mahmug ; (c) illi hargu xquq fis-saqaf.

**(a) Il-konkos uzat ghas-saqaf**

Skont il-kuntratt ta` appalt, il-konkos li kellu jkun fornut u wzat mill-atturi kellu jkun tal-grad C25. Il-konvenut ilmenta li l-konkos utilizzat ma kienx tal-grad miftiehem.

Mill-provi rrizulta li kienu l-atturi li kienu ghazlu l-fornitur tal-konkos u cioe` Kwikmix Company Limited. Il-konvenut argumenta li huwa ried lil tal-Ballut biex tforni l-konkos.

Din il-Qorti ma ssibx li kien hemm problema li ntuza l-konkos ta` Kwikmix Company Limited. Tant hu hekk li anke l-konkos ghas-saqaf tal-basement gie minghand KwikMix Company Limited u l-konvenut ma ressaq l-ebda lment.

Irrizulta li l-konvenut involva ruhu direttament fil-bini tad-dar. Ghalhekk li kieku verament ma riedx li jigi utilizzat konkos fornit minn Kwikmix Company Limited, kien jindahal minn bidu nett. Mix-xiehda tar-rapprezentant tas-socjeta` fornitrici rrizulta li l-konvenut kien tkellem mieghu dwar il-konsenji tal-konkos. Ghall-Qorti din hija ndikazzjoni ohra li l-konvenut kien accetta li l-konkos jigi supplit minghand Kwikmix Company

Limited. Anke li kieku ma accettax, il-kuntratt ta` appalt ma kienx jobbliga lill-atturi li jutilizzaw lil fornitur partikolari, izda biss li l-konkos ikollu grad C 25.

Irrizulta li l-konkos ordnat mill-atturi kien tal-grad C25, kif ikkonferma r-rapprezentant ta` Kwik Mix Company Limited meta xehed illi l-prezz li hallsu l-atturi kien ghal konkos ta` dak il-grad. Il-prezz ta` konkos C25 huwa oghla minn dak C20. Mid-deskrizzjoni tal-konkos fuq l-invoice u mill-prezz, jirrizulta li l-konkos ordnat u fornit kien C25. Dan il-fatt kien ikkostatat ukoll mill-konvenut li rrizulta li kien imur jiccekkja l-invoices mahruga max-xufier tat-trakk tar-ready mix biex ikompli jikkonferma li verament il-konkos ordnat kien tal-grad rikjest. Minhabba l-ilment tal-konvenut, Kwik Mix Company Limited ordnat li jsir *core test* tal-konkos mid-ditta Solid Base. Din hadet tlett kampjuni minn tlett partijiet diversi tas-saqaf in kwistjoni li wasslu ghal rizultati ta` 24.5, 22.5 u 21.5. Skont il-konvenut dawn ir-readings jaghtu ragun lilu.

Diversi kienu l-interpretazzjonijiet li nghataw ghall-accertamenti ta` Solid Base. Il-*common denominator* ta` dawn l-interpertazzjonijiet jibqa` wiehed u cioe` illi l-konkos fornit u li ntuza kien iservi ghall-ghan li intuza. Addirittura inghatat xhieda li tmur oltre fejn intqal li r-rizultati juru li l-konkos fornit kien tal-grad mitlub. Perit Johann Farrugia li kien il-perit inkarigat minn Kwik Mix Limited irrilaxxja certifikat fis-17 ta` Jannar 2008 (fol 51) u kkonfermah bil-gurament fil-kors tal-kawza. Dwar it-tiliet figura, Perit Farrugia jghid :-

*When considering the test results obtained and the structure on site, that is the spans and the imposed loading and even forecasted loading I deem that the characteristic concrete strength as existing will be able to cope and sustain very well the existing structure. Moreover the minimal difference in strength between that targeted, that is 25N/Sqmm and the effective obtained overall average which is nearly 23N/Sqmm gives a good re-assurance for the lifetime of the structure in question. Furthermore the grade of concrete obtained as cast as at present can very well perform the same structural performance of the projected desgined C 25.*

Relevanti hafna hija x-xiehda tar-rapprezentanti tad-ditta Solid Base. Dawn ilkoll ikkonfermaw li l-*core test* ma jtellax rizultat gholi bhal *cube test*, li jsir meta l-konkos ikun ghadu frisk u jkun ghadu ma tpogghiex. Kien spjegat illi bl-*istandards* wropej, b`referenza ghal EN 12504 Pt.1 tat-2009, il-*core test* itella` 15% inqas milli jtella` l-*cube test*. Fl-istess sens il-Perit Edwin Mintoff ikkonferma li jekk tizdied il-15% ma` kull wiehed mir-rizultati

moghtija, f`kull kaz jintlahaq il-grad C25. *Per dovere di cronaca* tajjeb jinghad illi Perit Mintoff sostna li l-15% kienet figura massima u jista` jkun li jkun hemm persentagg inqas. Ir-rapprezentanti ta` Solid Base rreferew ukoll ghall-fatt illi 100 mm *cores* ikun aktar precizi minn 50 mm *cores* b`madwar 7%, liema fattur kellu wkoll jittiehed in konsiderazzjoni fir-rizultati moghtija.

Il-Qorti tqis dan kollu fl-isfond tar-relazzjoni tal-perit tekniku AIC Alan Saliba. Il-perit tekniku jghid illi skont in-normi tal-European Code EN 13791:2007 vigenti fiz-zmien li saru t-testijiet, il-*core compressive strengths* ta` 24.5, 21.5 u 22.0 n/sq mm huma ekwivalenti ghal *compressive strength class* ta` C25, tant li l-perit tekniku kkonkluda li l-konkos fornit mill-atturi ghas-saqaf tal-*bungalow* tal-konvenut kien tas-sahha pattwita.

Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni plawsibbli, oggettiva u fondata fil-provi li ggeghla diskosta ruhha mill-kostatazzjonijiet, accertamenti u konkluzjonijiet tal-perit tekniku, li jsib sostenn fix-xiehda tar-rappresentanti tad-ditta Solid Base, li fil-laboratorju taghha saru t-testijiet. Ghalhekk qeghda taghmel taghha l-accertamenti tal-perit tekniku. Konsegwentement qeghda tiskarta l-allegazzjoni tal-konvenut illi l-konkos fornit ma kienx tal-grad pattwit.

Dwar il-kwistjoni tal-kimika, irrizulta mill-provi illi l-kimika li giet mizjuda kienet standard li tintuza sabiex ikun hemm perijodu itwal sabiex ikun jista` jinhadem u jitpogga l-konkos., kif ikkonferma r-rapprezentant ta` Kwik Mix Limited meta xehed. B`zieda ma` dan, il-perit tekniku sab illi l-kimika kienet biss *retarder* sabiex il-haddiema jkollhom cans jifirxu l-konkos minghajr ma joholqu *cold joints.* Ghalhekk il-kimika ma kellha l-ebda riperkussjonijiet fuq il-konkos.

Anke dwar iz-zieda ta` l-ilma, il-perit tekniku ikkonferma li dan ma kellux riperkussjonijiet fuq il-konkos.

Ghal darb`ohra l-Qorti sejra tistrieh fuq il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku.

U ghalhekk sejra tiskarta kull argument – naha jew ohra – dwar l-uzu tal-ilma u tal-kimika.

Il-konvenut ilmenta wkoll li jista` jkun li s-sahha tal-konkos giet affettwata peress li ntuza ftit konkos li kien ilu go trakk tar-ready mix, u li parti minnu intuza go post iehor li kienu qed jahdmu fih l-atturi. Ghall-Qorti lanqas dan ma huwa lment fondat ghaliex b`ebda mod dan ma kellu effett negattiv fuq is-sahha tal-konkos, kif ikkonferma l-perit tekniku.

**(b) <u>Konkos mahmug</u>**

Il-konvenut ilmenta li fil-konkos fornit kien hemm bicciet ta` plastik, lastiku, injam u gebel fil-wicc tal-konkos.

Da parti taghhom, l-atturi sostnew li l-konvenut kien urihom dan il-materjal go landa u li ghalhekk ma setghux jikkonkludu minn fejn kien ingieb. Saviour Agius sostna li l-bicciet tal-injam jew wire setghu gew mill-barriera taz-zrar, mentri r-rapprezentant ta` Solid Base spjega illi kien sab frak ta` l-injam fil-wicc tas-sample, li gieli jiltaqa` maghhom meta s-shutter ikun ta` l-injam.

Min-naha tieghu, il-perit tekniku spjega li ma setax josserva dak il-materjal peress li kien jinsab fil-wicc tal-bejt li wara kien mghotti bil-kontrabejt li ghamel il-konvenut ; fl-istess waqt ikkonkluda li lanqas dan ma kellu effett fuq il-kwalita` tal-konkos.

Ghal darb`ohra l-Qorti sejra toqghod fuq il-fehma tal-perit tekniku u tiskarta bhala nfondat l-ilment tal-konvenut.

**(c) <u>Qsim fis-saqaf</u>**

Dwar dan l-ahhar ilment tal-konvenut, il-Periti Mintoff u Cortis irrilevaw illi l-*cracks* ma kienux gravi. Ma kienx hemm biza` li jikkrolla s-saqaf.

Mhuwiex kredibbli l-konvenut meta minn naha wahda jghid illi ma mar ighix fil-post wara li tlesta minhabba s-saqaf, imbaghad fl-istess nifs ighid illi lesta d-dar minn gewwa u minn barra minn kollox tant li kien fadallu biss jiehu xi ftit ghamara.

Din il-Qorti qieset dak li sahaq fuqu l-perit tekniku meta fisser illi haga komuni li jifforma qsim partikolarment meta l-konkos jinghata fl-eqqel tas-sajf u meta jkun saqaf taht bejt espost ghall-elementi.

Il-perit tekniku kkonkluda li l-qsim sehh ghaliex ma sarux *expansion joints* fid-disinn tas-saqaf mill-perit inkarigat.

Anke r-rapprezentanti ta` Solid Base ikkonfermaw li dak it-tip ta` qsim huwa komuni ferm fil-Gzejjer Maltin. Li kieku kellu jitwaqqa` kull saqaf li jkollu qsim, allura jitwaqqghu l-maggoranza ta` l-proprjetajiet.

Da parti tieghu, il-Perit Mintoff insista li mhux komuni li fi progetti bhal dan in ezami jsiru *expansion joints* u li l-qsim seta` sehh minhabba varji fatturi ohra fosthom li l-konkos tghabba kmieni jew li s-shutter ma kienx tajjeb.

Kemm il-Perit Mintoff kif ukoll il-perit tekniku waslu ghal rimedju u cioe` l-uzu ta` *elastic compound* sabiex dan il-qsim jinghalaq.

Filwaqt illi ghall-perit tekniku, bl-*elastic compound* il-punt kien jigi risolt, ghall-Perit Mintoff il-kwistjoni kienet ser tibqa` u ghalih l-uniku rimedju biex tigi eliminata ghal kollox kien jew li jsir *gypsum* biex ighatti l-qsim jew jinbidel is-saqaf kollu.

Ghal din il-Qorti l-fatt illi l-konvenut kompla ghaddej bix-xogholijiet ta` tlestija tal-*bungalow* ifisser li ma kienx ghadu jixtieq li jinbidel is-saqaf.

Huwa minnu li fil-korrispondenza inizjali kien talab li jinbidel is-saqaf izda imbaghad baqa` ghaddej bix-xogholijiet u addirittura ma fetah l-ebda kawzi jew ghamel kontrotalba fil-kawza tal-lum sabiex isir xoghol rimedjali.

Mir-risposta guramentata, irrizulta li l-ghan ahhari tal-konvenut kien li jinghata riduzzjoni fil-bilanc li kien ghad fadal ihallas jew addirittura jigi dikjarat li huwa kreditur tal-atturi ghal hlasijiet zejda.

Din il-Qorti tghid illi jekk zviluppa qsim fis-saqaf, dan ma kienx relatat ma` xi difett jew nuqqas ta` sahha tal-konkos. Lanqas m`ghandu jigi attribwit ghal nuqqas fl-ezekuzzjoni tax-xoghol da parti tal-atturi. Jekk il-qsim gie ghaliex ma kienx hemm *expansion joints* dik hija materja ta` disinn li kienet tispetta lill-perit inkarikat mill-konvenut biex jiehu hsieb. L-assenza ta` *expansion joints* m`ghandux jigi attribwit lill-atturi.

**d) <u>Il-kwistjoni tal-VAT</u>**

Il-vertenza ddur mal-kwesit jekk ir-rati mertu tal-kuntratt bejn il-partijiet kienux jinkludu l-VAT.

L-atturi lkoll xehdu li r-rati tal-kuntratt ma kinux jinkludu l-VAT. Qaghdu fuq il-fatt illi fost l-ircevuti rilaxxjati lill-konvenut, kien hemm tnejn li nhargu specifikament ghal hlas ta` VAT li skont il-ftehim bil-fomm ta` bejn il-partijiet kellu jithallas apparti. Dawn l-ircevuti ezebiti a fol 64 u 67 kienu ffirmati mill-konvenut izda l-konvenut sostna li huwa dejjem insista li r-rati kienu jinkludu l-VAT.

Din il-Qorti qieset il-fatt li fil-ftehim ta` appalt ma kien hemm xejn imsemmi dwar jekk il-VAT kienx inkluz jew eskluz.

Rinfaccjata b`verzjonijiet konfliggenti, fejn l-atturi jsostnu li l-ftehim kien jeskludi l-VAT mentri l-konvenut qed isostni li l-ftehim kien jinkludi l-VAT, din il-Qorti ma setghetx ma taghtix importanza ghall-konkluzjoni tal-perit tekniku li jaghmel zewg osservazzjonijiet ferm importanti.

Fl-ewwel lok, tirrileva li l-Perit Mintoff **<u>zied</u>** il-VAT fuq ir-rati miftehma meta pprepara l-kontijiet. Ghalkemm, il-konvenut sahaq li dan kien zball da parti tal-perit, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ma kien zball xejn u li l-perit li quddiemu sar il-ftehim kien konsapevoli li r-rati kienu **<u>jeskludu</u>** l-VAT.

Fit-tieni lok, il-perit tekniku osserva wkoll li r-rati msemmija fil-ftehim ta` appalt kienu r-rati vigenti **<u>minghajr VAT</u>** ghaz-zminijiet li saru x-xogholijiet. Li kieku kellu jitqies li dawk ir-rati kienu jinkludu l-VAT, l-atturi kienu jispiccaw li qed jahdmu b`telf.

Tenut kont ta` dan kollu, il-Qorti ma tarax li ghandha temmen il-verzjoni tal-konvenut fis-sens li r-rati kienu jinkludu l-VAT.

Iktar hija propensa li tqis li l-konvenut dejjem insista li ma jhallasx VAT sabiex jipprova jiffranka xi haga u pprova jsib ix-xoqqa f`moxxtha b`allegazzjoni li ladarba l-ftehim ma kienx isemmi li l-VAT huwa eskluz, *ergo* l-VAT kellu jitqies li huwa inkluz.

**Il-Qorti hija konsapevoli ta` dak li jistipola l-Art 49(2) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta` Malta, izda c-cirkostanzi ta` dan il-kaz juru b`mod evidenti li l-VAT ma kienx inkluz fir-rati tal-kuntratt.**

**e)** **<u>Hlas zejjed ?</u>**

Il-konvenut igib `il quddiem l-argument illi ma kienx debitur tal-atturi izda kreditur taghhom peress li huwa hallas pagamenti zejda.

Fix-xiehda taghhom, l-atturi sostnew li thallsu akkont is-somma ta` Lm43,600.

Mill-ircevuti ezebiti immarkati minn LG1 sa LG9, irrizulta li sar hlas ta` LM45,060 li minnhom is-somma ta` LM3,600 kien hlas ta` VAT.

Skont l-ewwel tlett kontijiet rilaxxjati mill-Perit Mintoff ezebiti a fol 24 sa fol 44 u a fol 62, irrizulta li kien hemm total ta` Lm48,730.68c (VAT inkluz).

Ghalhekk jidher li kien hemm diskrepanza ta` Lm3,670.68c (ekwivalenti ghal EUR 8,550.38c) li kien ghad fadal jithallas lill-atturi.

Il-perit tekniku fil-kalkoli tieghu fisser illi mill-kont a fol 42 sa 44 mahrug mill-Perit Mintoff is-somma ta` EUR 3,686.72c (VAT inkluz) kienet tkopri x-xoghol tas-saqaf li sar l-ilment fuqu mill-konvenut.

Sussegwentement, wara li kien gia` kkonkluda r-rapport tieghu l-perit tekniku, gie rilaxxjat il-kont finali mill-Perit Mintoff relatat mal-opramorta u xogholijiet ohra li saru, liema kont jammonta ghal Lm3,513.89c (VAT inkluz) ekwivalenti ghal EUR 8,185.16c.

**Ghalhekk meta ssir zieda tal-bilanci ta` EUR 8,550.38c flimkien ma` EUR 8,185.16c, it-total dovut lill-atturi jkun ta` EUR 16,735.54c, VAT inkluz.**

## f) L-imghax

Jifdal il-kwistjoni ta` l-imghax.

L-atturi qed jippretendu l-hlas tal-imghax b`effett mill-1 ta` Awissu 2007.

Madanakollu, din il-Qorti sejra tikkonsidra li l-ammont kien wiehed *da likwidarsi*, tant li l-istess atturi m`ghamlux talba ghal hlas ta` ammont specifiku izda hallewha fl-idejn tal-Qorti sabiex tillikwida tali hlas dovut lilhom.

Il-principju generali huwa fis-sens li meta d-debitu jkun incert u illikwidu, l-imghaxijiet ma jkunux dovuti mill-gurnata tat-talba, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta` l-approvazzjoni taghha. Dan il-principju huwa konsegwenza tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora u allura *in liquidandis non fit mora* (ara d-decizjoni moghtija mill-Qorti ta` l-Appell moghtija fid-19 ta` Novembru 2001 fl-ismijiet "**Aquilina Francis Xavier vs Mamo Andrew noe**").

Konsegwentement, in linea ma` dak spjegat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Mizzi et vs Mizzi**" moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fit-30 ta` Gunju 2004, li kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet, u decizjoni ohra moghtija f`dan is-sens fl-ismijiet "**Anthony Buhagiar Anthony pro et noe vs Scerri Edward**" deciza fit-30 ta` Marzu 2001 fejn il-Qorti ta` l-Appell spjegat il-principju fis-sens li ma jghaddux interessi fejn is-sejha ma tkunx wahda ghall-hlas ta` ammont likwidu, cert u determinat japplika wkoll f`sitwazzjoni fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirrizulta li

tkun wahda valida b`mod li jkun car li d-debitur mhux biss ikun gustifikat li ma jhallasx dak li jkun gie intimat biex ihallas imma wkoll li jkun difficli jekk mhux impossibbli ghalih, li jkun jaf x`inhu minnu dovut minghajr ma ssir investigazzjoni gudizzjarja fil-kawza u sakemm din issir.

In linea ma` l-premess, ladarba kien hemm nuqqas ta` qbil bejn il-partijiet dwar l-ammont dovut, isegwi li l-ammont kien incert bejn il-partijiet.

Dizgwid dwar l-ammonti kien hemm zgur peress li kien hemm nuqqas ta` qbil dwar jekk l-ammonti jinkludux jew jeskludux il-VAT kif ukoll allegazzjonijiet li sar hlas zejjed u sar xoghol mhux skont is-sengha u l-arti.

Ghalhekk il-Qorti tghid illi l-imghax ghandu jiddekorri mil-lum.

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba billi tillikwida l-bilanc dovut lill-atturi ghax-xogholijiet ezegwiti b`inkariku tal-konvenut fl-ammont ta` sittax-il elf seba` mija hamsa u tletin Ewro erbgha u hamsin centezmu (€16,735.54) liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud.**

**Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma likwidata ta` sittax-il elf seba` mija hamsa u tletin Ewro erbgha u hamsin centezmu (€16,735.54) liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud, u bl--imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta` Novembru 2008.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**